KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
EMILIOU
ippreżentati fit-2 ta' Ġunju 2022[1]

**Kawża C-72/22 PPU**

**MA**
**fil-preżenza ta':**
**Valstybės sienos apsaugos tarnyba**

(talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mil-Lietuvos vyriausiasis administracinis teismas (il-Qorti Amministrattiva Suprema, il-Litwanja))

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Kontrolli fil-fruntiera, ażil u immigrazzjoni – Politika tal-ażil – Dritt ta' ċittadin ta' pajjiż terz, li daħal illegalment fit-territorju ta' Stat Membru, li jitlob protezzjoni internazzjonali f'dan l-Istat – Modalitajiet ta' aċċess għall-proċeduri għall-għoti ta' din il-protezzjoni – Direttiva 2013/32/UE – Artikoli 6 u 7(1) – Possibbiltà li tali applikant jitqiegħed f'detenzjoni għar-raġuni li qasam illegalment il-fruntiera nazzjonali – Direttiva 2013/33/UE – Artikolu 8(3) – Inkompatibbiltà – Artikolu 72 TFUE – Responsabbiltajiet li għandhom l-Istati Membri għaż-żamma tal-ordni pubbliku u s-salvagwardja tas-sigurtà interna – Possibbiltà ta' Stat Membru li jidderoga mid-Direttivi 2013/32 u 2013/33 f'każ ta' fluss massiv ta' migranti fil-fruntiera tiegħu"

## I. Introduzzjoni

1. Fid-dritt internazzjonali, dejjem eżistiet ċerta tensjoni bejn, minn naħa, id-dritt li minnu jgawdu l-Istati li jikkontrollaw b'mod sovran id-dħul u r-residenza ta' barranin fit-territorju tagħhom u, min-naħa l-oħra, id-dritt li jibbenefikaw minnu dawk, minn fost dawn il-barranin[2], li jibżgħu minn persekuzzjoni fil-pajjiż li għandhom in-nazzjonalità tiegħu, li jitolbu ażil[3]. Tal-ewwel jawtorizza lil dawn l-Istati jikkontrollaw strettament il-qsim tal-fruntieri tagħhom – u jieħdu miżuri rigorużi f'każ ta' dħul illegali – filwaqt li tat-tieni jitlob tolleranza fil-qasam.

2. Din it-tensjoni hija partikolarment sinjifikattiva meta jseħħ dak li b'mod komuni jissejjaħ "fluss massiv" ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi fil-fruntieri. Tali fenomenu, li f'dawn l-aħħar għoxrin sena, il-frekwenza tiegħu żdiedet fl-Ewropa, minħabba gwerer u tensjonijiet oħra li jħawdu diversi reġjuni tad-dinja, jikkomplika l-kontroll tal-fruntieri inkwistjoni. Fil-fatt, numru minn dawn

1 Lingwa oriġinali: il-Franċiż.

2 F'dawn il-konklużjonijiet, ser nuża l-kunċett, iktar preċiż, ta' "cittadin ta' pajjiż terz" li skont il-punt 6 tal-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) 2016/399 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2016, dwar Kodiċi tal-Unjoni dwar ir-regoli li jirregolaw il-moviment ta' persuni min-naħa għall-oħra tal-fruntiera (ĠU 2016, L 77, p.1, rettifika fil-ĠU 2020, L 245, p. 32) (iktar 'il quddiem, il-"Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen"), jirrigwarda "kwalunkwe persuna li mhix ċittadin tal-Unjoni fit-tifsira tal-Artikolu 20(1) TFUE u li [ma tgawdix id-dritt ta' moviment liberu skont id-dritt tal-Unjoni]".

3 F'dawn il-konklużjonijiet, m'iniex ser nagħmel differenza bejn il-kliem "protezzjoni internazzjonali" u "ażil".

iċ-ċittadini jipprovaw, jew saħansitra jirnexxilhom, jaqsmuhom illegalment. Dan id-dħul mingħajr kontroll huwa ħafna drabi pperċepit bħala theddida għas-sigurtà interna tal-Istat ikkonċernat. Fl-istess ħin, meta l-persuni kkonċernati jitolbu l-ażil fih, huma għandhom, bħala prinċipju, jiġu aċċettati fit-territorju tiegħu u jistgħu jibqgħu fih waqt l-eżami tal-applikazzjoni tagħhom.

3. Il-Latvja, il-Litwanja u l-Polonja qed jaffaċċjaw, sa mis-sajf tal-2021, tali "fluss massiv" fil-fruntieri li huma jaqsmu mal-Bjelorussja – wieħed mill-punti ta' dħul fiż-żona Schengen – u l-każijiet ta' qsim illegali ta' dawn il-fruntieri żdiedu drastikament. Barra minn hekk, dan il-"fluss" jaqa' f'kuntest ġeopolitiku partikolari. Fil-fatt, kif ikkonstataw l-istituzzjonijiet politiċi tal-Unjoni Ewropea, dan kien, fil-fatt, orkestrat mill-awtoritajiet Bjelorussi.

4. Sabiex jindirizzaw dawn iċ-ċirkustanzi, u bil-għan li jsaħħu l-fruntieri tagħhom u jiżguraw, għalhekk, l-ordni pubbliku u s-sigurtà interna fit-territorju tagħhom, dawn l-Istati Membri ddikjaraw l-istat ta' emerġenza. F'dan il-kuntest, huma implimentaw dispożizzjonijiet tad-dritt nazzjonali li jidderogaw mid-dritt komuni, inkluż fil-qasam tal-ażil. Din it-talba għal deċiżjoni preliminari, imressqa mil-Lietuvos vyriausiasis administracinis teismas (il-Qorti Amministrattiva Suprema, il-Litwanja), tistieden lill-Qorti tal-Ġustizzja tippreċiża jekk uħud minn dawn id-dispożizzjonijiet, applikati mir-Repubblika tal-Litwanja, humiex konformi mad-dritt tal-Unjoni.

5. Id-domandi magħmula minn din il-qorti jirrigwardaw, b'mod iktar preċiż, it-trattament li l-Istati Membri jistgħu jirriżervaw, b'mod konformi mad-Direttiva 2013/32/UE dwar proċeduri komuni għall-għoti u l-irtirar tal-protezzjoni internazzjonali [4] (iktar 'il quddiem Direttiva dwar il-"proċeduri") u d-Direttiva 2013/33/UE li tistabbilixxi l-istandards dwar l-akkoljenza ta' applikanti għall-protezzjoni internazzjonali [5] (iktar 'il quddiem id-Direttiva dwar l-"akkoljenza"), għaċ-ċittadini ta' pajjiżi terz li daħlu b'mod irregolari fit-territorju tagħhom u li jfittxu li jiksbu fih protezzjoni internazzjonali. Huma jistaqsu, essenzjalment, jekk dawn id-direttivi jipprekludux regoli nazzjonali li, f'kuntest ta' fluss massiv, minn naħa, jirrestrinġu b'mod sinjifikattiv il-possibbiltà li dawn iċ-ċittadini jaċċedu għall-proċeduri tal-għoti ta' tali protezzjoni, u min-naħa l-oħra, jippermettu d-detenzjoni tal-applikanti għall-ażil għall-unika raġuni li qasmu l-fruntiera nazzjonali illegalment.

6. F'dawn il-konklużjonijiet, ser nispjega li tali regoli ma humiex effettivament kompatibbli mad-Direttivi dwar il-"proċeduri" u l-"akkoljenza". Madankollu, m'iniex ser nieqaf hemm u ser nindirizza l-kwistjoni dwar jekk, f'ċirkustanzi bħal dawk li qed taffaċċja l-Litwanja fil-fruntiera tagħha, Stat Membru huwiex awtorizzat, skont id-dritt primarju tal-Unjoni, li jidderoga minn dawn id-direttivi fl-interess tal-ordni pubbliku u tas-salvagwardja tas-sigurtà interna. Dwar dan il-punt, ser nispjega li minkejja li ċerti derogi huma, fit-teorija, possibbli, ir-regoli nazzjonali inkwistjoni jmorru lil hinn minn dak li huwa ammissibbli f'dan ir-rigward.

4 Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 (ĠU 2013, L 180, p. 60).

5 Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 (riformulazzjoni) (ĠU 2013, L 180, p. 96, rettifika fil-ĠU 2015, L 100, p. 81).

## II. Il-kuntest ġuridiku

### A. Il-Konvenzjoni ta' Genève

7. L-Artikolu 31 tal-Konvenzjoni ta' Genève Dwar l-Istatus ta' Rifuġjati[6] (iktar 'il quddiem il-"Konvenzjoni ta' Genève"), intitolat "Refuġjati f'sitwazzjoni irregolari fil-pajjiż ta' akkoljenza", jipprovdi fil-paragrafu 1 tiegħu:

"L-Istati kontraenti ma għandhomx japplikaw sanzjonijiet kriminali minħabba d-dħul jew ir-residenza irregolari tagħhom, għar-refuġjati li peress li jaslu direttament mit-territorju fejn il-ħajja jew il-libertà tagħhom kienet mhedda fis-sens tal-ewwel artikolu, jidħlu u jinsabu fit-territorju tagħhom mingħajr awtorizzazzjoni, bil-kundizzjoni li jippreżentaw ruħhom mingħajr dewmien lill-awtoritajiet u jesponu raġunijiet meqjusa validi tad-dħul jew il-preżenza irregolari tagħhom".

### B. Id-dritt tal-Unjoni

#### *1. Id-Direttiva dwar il-"proċeduri"*

8. L-Artikolu 6 tad-Direttiva dwar il-"proċeduri", intitolat "Aċċess għall-proċedura", jipprovdi:

"1. Meta persuna tagħmel applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali lil awtorità kompetenti taħt il-liġi nazzjonali għar-reġistrazzjoni ta' applikazzjonijiet bħal dawn, ir-reġistrazzjoni għandha sseħħ mhux iktar tard minn tlett ijiem ta' xogħol wara li ssir l-applikazzjoni.

Jekk l-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali issir lil awtoritajiet oħra li x'aktarx jirċievu applikazzjonijiet bħal dawn, iżda mhumiex kompetenti għar-reġistrazzjoni taħt il-liġi nazzjonali, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li ir-reġistrazzjoni għandha ssir mhux iktar tard minn sitt ijiem ta' xogħol wara li ssir l-applikazzjoni.

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li dawk l-awtoritajiet l-oħra li x'aktarx jirċievu applikazzjonijiet għal protezzjoni internazzjonali bħal pulizija, gwardji tal-fruntiera, awtoritajiet tal-immigrazzjoni u persunal tal-faċilitajiet ta' detenzjoni għandhom l-informazzjoni rilevanti u li l-persunal tagħhom jirċievi il-livell meħtieġ ta' taħriġ li jkun xieraq għall-kompiti u r-responsabbiltajiet tagħhom u istruzzjonijiet biex jinformaw lill-applikanti fejn u kif l-applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali jistgħu jiġu ppreżentati.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li persuna li għamlet applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali għandha opportunità effettiva biex tippreżentaha malajr kemm jista' jkun. Fejn l-applikant ma jagħmilx l-applikazzjoni tiegħu, l-Istati Membri jistgħu japplikaw l-Artikolu 28 kif meħtieġ.

3. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 2, l-Istati Membri jistgħu jirrikjedu li l-applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali jiġu ppreżentati fiżikament u/jew f'post magħżul.

6 Konvenzjoni ffirmata f'Genève fit-28 ta' Lulju 1951 [*Ġabra ta' trattati tan-Nazzjonijiet Uniti*, vol. 189, p. 150, Nru 2545 (1954)], li daħlet fis-seħħ fit-22 ta' April 1954, kif kompletata bil-Protokoll dwar l-Istatus tar-Refuġjati, konkluż fi New York fil-31 ta' Jannar 1967, li daħal fis-seħħ fl-4 ta' Ottubru 1967.

4. Minkejja l-paragrafu 3, applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali għandha titqies bħala li ġiet riċevuta ladarba formola ppreżentata mill-applikant jew, fejn dan ikun previst fil-liġi nazzjonali, rapport uffiċjali, ikunu waslu għand l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru kkonċernat.

5. Fejn applikazzjonijiet simultanji għall-protezzjoni internazzjonali minn numru kbir ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi jew persuni apolidi jagħmluha diffiċli ħafna fil-prattika li jiġi rispettat il-limitu ta' żmien stipulat fil-paragrafu 1, l-Istati Membri jistgħu jipprovdu li dak il-limitu ta' żmien jiġi estiż sa 10 ijiem ta' xogħol".

9. L-Artikolu 7(1) ta' din id-direttiva jipprovdi li "[l]-Istati Membri għandhom jiżguraw li kull adult li jkollu kapaċità legali jkollu d-dritt li jagħmel applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali f'ismu stess".

10. L-Artikolu 31 tal-imsemmija direttiva, intitolat "Proċedura ta' eżami", jipprovdi, fil-paragrafu 8 tiegħu:

"L-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu li proċedura ta' eżami konformi mal-prinċipji u l-garanziji bażiċi tal-Kapitolu II tiġi mgħaġġla u/jew titmexxa fil-fruntiera jew fiż-żoni ta' transitu taħt l-Artikolu 43 jekk:

[...]

h) l-applikant daħal fit-territorju tal-Istat Membru illegalment jew tawwal is-soġġorn tiegħu illegalment u, mingħajr raġuni valida, ma ppreżentax ruħu lill-awtoritajiet jew ma ppreżentax applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali malajr kemm jista' jkun, minħabba ċ-ċirkustanzi tal-dħul tiegħu; jew

[...]"

11. L-Artikolu 43 ta' din l-istess direttiva, intitolat "Proċeduri fuq il-fruntiera", jipprovdi:

"1. L-Istati Membri jistgħu jipprovdu għal proċeduri, konformement mal-prinċipji u mal-garanziji bażiċi tal-Kapitolu II, ta' teħid ta' deċiżjonijiet, fuq il-fruntiera jew f'żoni ta' tranżitu tal-Istat Membru dwar:

a) l-ammissibbiltà ta' applikazzjoni, taħt l-Artikolu 33, li ssir f'dawn il-postijiet; u/jew

b) is-sustanza ta' applikazzjoni fi proċedura taħt l-Artikolu 31(8).

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li deċiżjoni meħuda fil-kuntest ta' proċeduri previsti fil-paragrafu 1 tittieħed fi żmien raġonevoli. Meta deċiżjoni ma tkunx ittieħdet fi żmien erba' ġimgħat, l-applikant għandu jitħalla jidħol fit-territorju tal-Istat Membru sabiex l-applikazzjoni tiegħu tiġi proċessata konformement mad-dispożizzjonijiet l-oħra ta' din id-Direttiva.

3. Fil-każijiet ta' wasliet li jinvolvu numru kbir ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi jew ta' persuni apolidi li jippreżentaw applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali fuq il-fruntiera jew f'żona ta' tranżitu, li jagħmluha impossibbli fil-prattika li jiġu applikati hemmhekk dawk id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 1, dawk il-proċeduri jistgħu jiġu wkoll applikati fejn u sa meta

dawn iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi jew persuni apolidi jkunu normalment akkommodati f'postijiet qrib il-fruntiera jew iż-żona ta' tranżitu".

### *2. Id-Direttiva dwar l-"akkoljenza"*

12. L-Artikolu 8 tad-Direttiva dwar l-"akkoljenza", intitolat "Detenzjoni", jipprovdi, fil-paragrafi 2 u 3 tiegħu:

"2. Meta jkun meħtieġ u fuq il-bażi ta' valutazzjoni individwali ta' kull każ, l-Istati Membri jistgħu jżommu applikant f'detenzjoni, sakemm miżuri inqas dixxiplinari oħra ma jistgħux ikunu applikati b'mod effettiv.

3. Applikant jista' jinżamm f'detenzjoni biss:

[…]

c) sabiex tittieħed deċiżjoni, fil-kuntest ta' proċedura, fuq id-dritt tal-applikant sabiex jidħol fit-territorju;

[…]

e) meta l-protezzjoni tas-sigurtà nazzjonali jew l-ordni pubblika jeħtieġu hekk;

[…]"

## C. Id-dritt Litwan

### *1. Il-Liġi dwar il-Barranin*

13. Il-Lietuvos Respublikos įstatymas "Dėl užsieniečių teisinės padėties" (il-Liġi tar-Repubblika tal-Litwanja dwar l-Istatus Legali tal-Barranin) (TAR, 2021, Nru 2021/27706), fil-verżjoni tagħha li tirriżulta mil-Liġi Nru XIV-816 tat-23 ta' Diċembru 2021 (iktar 'il quddiem, "il-Liġi dwar il-Barranin") tipprovdi, fl-Artikolu 2(20) tagħha, li titqies bħala applikant għall-ażil il-persuna barranija li tkun ippreżentat applikazzjoni għall-ażil skont il-modalitajiet previsti mill-istess liġi u li fir-rigward tagħha għadha ma ttieħditx deċiżjoni definittiva.

14. Il-Kapitolu X$^{2}$ tal-Liġi dwar il-Barranin jirregola l-applikazzjoni ta' din il-liġi f'każ ta' dikjarazzjoni tal-istat ta' gwerra jew tal-istat ta' emerġenza kif ukoll fil-każ ta' proklamazzjoni ta' sitwazzjoni ta' emerġenza minħabba fluss massiv ta' barranin.

15. F'dan il-kapitolu, l-Artikolu 140$^{12}$ tal-imsemmija liġi jipprovdi, fil-paragrafu 1 tiegħu, li "l-barrani jista' jippreżenta applikazzjoni għall-ażil 1) fil-postijiet ta' kontroll fil-fruntieri jew fiż-żoni ta' tranżitu: lil Valstybės sienos apsaugos tarnyba prie Lietuvos Respublikos vidaus reikalų ministerijos (id-Dipartiment nazzjonali ta' protezzjoni tal-fruntieri fi ħdan il-Ministeru tal-Intern tar-Repubblika tal-Litwanja) (iktar 'il quddiem il-"VSAT"); 2) fit-territorju tar-Repubblika tal-Litwanja, meta l-barrani jkun daħal legalment f'dan it-territorju: lid-[Dipartiment tal-Migrazzjoni]; 3) fi Stat barrani: bl-intervent ta' rappreżentanti diplomatiċi u konsulari tar-Repubblika tal-Litwanja maħtura mill-Ministeru tal-Affarijiet Barranin".

Il-paragrafu 2 ta' dan l-artikolu jipprovdi li "applikazzjoni għall-ażil introdotta minn barrani bi ksur tal-modalitajiet previsti fil-paragrafu 1 tal-imsemmi artikolu ma hijiex ammissibbli, meta l-modalitajiet ta' introduzzjoni ta' applikazzjoni għall-ażil huma spjegati [lill-applikant]". Din id-dispożizzjoni tipprovdi wkoll li l-VSAT, fid-dawl tal-vulnerabbiltà tal-barrani jew ta' ċirkustanzi individwali oħra, jista' jirċievi l-applikazzjoni għall-ażil ta' barrani li jkun qasam il-fruntiera tar-Repubblika tal-Litwanja illegalment[7].

16. L-Artikolu 140[17] tal-Liġi dwar il-Barranin, li jirregola r-raġunijiet ta' detenzjoni tal-applikant għall-ażil f'każ ta' dikjarazzjoni tal-istat ta' gwerra jew tal-istat ta' emerġenza u f'każ ta' proklamazzjoni ta' sitwazzjoni ta' emerġenza minħabba fluss massiv ta' barranin, jipprovdi, fil-bidu u fil-punt 2, li l-applikant għall-ażil jista' jitqiegħed f'detenzjoni meta jasal fit-territorju tar-Repubblika tal-Litwanja billi jaqsam illegalment il-fruntiera ta' dan l-Istat Membru.

### *2. Id-deskrizzjoni tal-proċedura*

17. Id-deskrizzjoni tal-proċedura tal-għoti u tal-irtirar tal-ażil fir-Repubblika tal-Litwanja, approvata mid-Digriet Nru 1V-131 tal-Ministru tal-Intern tar-Repubblika tal-Litwanja fl-24 ta' Frar 2016 (fil-verżjoni tiegħu li tirriżulta mid-digriet tal-Ministru tal-Intern tar-Repubblika tal-Litwanja Nru 1V-626 tas-27 ta' Lulju 2021) (iktar 'il quddiem id-"deskrizzjoni tal-proċedura") tipprovdi, fil-punt 22, li "applikazzjoni għall-ażil titqies li tiġi ppreżentata meta l-barrani jippreżentaha quddiem awtorità jew istituzzjoni msemmija fl-Artikolu 67(1) tal-Liġi dwar il-Barranin [...], b'konformità mar-rekwiżiti li jinsabu fil-paragrafu 2 tal-istess artikolu. Meta l-fruntiera tar-Repubblika tal-Litwanja tinqasam illegalment, l-applikazzjoni għall-ażil għandha tiġi ppreżentata mingħajr dewmien. Sa mill-mument tal-preżentazzjoni tal-applikazzjoni għall-ażil, il-persuna li tkun ippreżentat l-applikazzjoni tgawdi mid-drittijiet u mill-garanziji previsti għall-applikanti għall-ażil [...]".

18. Fil-punt 23, id-deskrizzjoni tal-proċedura tipprovdi li, jekk l-applikazzjoni għall-ażil tiġi ppreżentata quddiem awtorità li ma hijiex imsemmija fl-Artikolu 67(1) tal-Liġi dwar il-Barranin jew bi ksur tar-rekwiżiti stabbiliti fil-paragrafu 2 tal-istess artikolu jew fil-punt 22 tad-deskrizzjoni tal-proċedura, din l-applikazzjoni għandha tintbagħat lura lill-barrani sa mhux iktar tard minn jumejn ta' xogħol mill-mument li fih jiġi kkonstatat li l-applikazzjoni riċevuta mill-awtorità hija applikazzjoni għall-ażil, filwaqt li l-applikant jiġi informat bil-modalitajiet ta' preżentazzjoni ta' applikazzjoni għall-ażil.

## III. Il-kawża prinċipali u d-domandi preliminari

19. Mid-deċiżjoni tar-rinviju u mill-elementi tal-fajl jirriżulta li, fit-2 ta' Lulju 2021, fir-Repubblika tal-Litwanja ġiet ipproklamata "sitwazzjoni ta' emerġenza fuq livell nazzjonali fit-territorju kollu minħabba fluss massiv ta' barranin". Din il-proklamazzjoni kienet segwita, fl-10 ta' Novembru 2021, mid-dikjarazzjoni tal-"istat ta' emerġenza" fuq parti mit-territorju Litwan[8]. Din il-proklamazzjoni u din id-dikjarazzjoni kienu intiżi sabiex jindirizzaw fluss massiv u f'daqqa ta' migranti fil-fruntiera bejn il-Litwanja u l-Bjelorussja.

[7] Bejn l-10 ta' Awwissu 2021 u l-1 ta' Jannar 2022, l-istess dispożizzjonijiet kienu jinsabu fl-Artikolu 67(1[1]) u (1[2]) tal-Liġi dwar il-Barranin (fil-verżjoni li tirriżulta mil-Liġi Nru XIV-515 tal-10 ta' Awwissu 2021). Fid-dawl tal-perijodu kopert mill-fatti tal-kawża prinċipali, dawn iż-żewġ artikoli huma għalhekk applikabbli *ratione temporis*. Madankollu, ser nirreferi biss għall-imsemmi Artikolu 140[12].

[8] Mill-osservazzjonijiet tal-Gvern Litwan jirriżulta li l-istat ta' emerġenza kien fis-seħħ mill-10 ta' Novembru 2021 sal-14 ta' Jannar 2022 inklużi, filwaqt li l-proklamazzjoni tas-"sitwazzjoni ta' emerġenza" għadha fis-seħħ.

20. Sussegwentement, MA, ċittadin ta' pajjiż terz, daħal illegalment fit-territorju Litwan mill-Bjelorussja. Fis-17 ta' Novembru 2021, fil-kuntest ta' kontroll, huwa ġie arrestat fit-territorju Pollakk, flimkien ma' 21 ċittadin ta' pajjiż terz ieħor, wara li kien telaq mit-territorju Litwan f'minibus. Il-persuna kkonċernata ma kinitx f'pożizzjoni li tippreżenta lill-gwardji tal-fruntiera Pollakki d-dokumenti ta' vjaġġar neċessarji jew il-viżas jew l-awtorizzazzjonijiet meħtieġa sabiex tirrisjedi fil-Litwanja jew, b'mod iktar ġenerali, fl-Unjoni Ewropea. Konsegwentement, tqiegħed f'detenzjoni.

21. Fid-19 ta' Novembru 2021, MA ntbagħat lill-aġenti tal-VSAT. Dan id-dipartiment, minn naħa, qiegħed lill-persuna kkonċernata f'detenzjoni għal inqas minn 48 siegħa u, min-naħa l-oħra, adixxa l-Alytaus apylinkės teismas (il-Qorti Distrettwali ta' Alytus, il-Litwanja), Sezzjoni ta' Alytus (iktar 'il quddiem il-"qorti tal-ewwel istanza"), b'talba għal detenzjoni ta' iktar minn 48 siegħa, sakemm tiġi stabbilita s-sitwazzjoni legali tagħha, iżda fi kwalunkwe każ, għal mhux iktar minn sitt xhur.

22. Insostenn ta' din it-talba, il-VSAT indika, b'mod partikolari, li ma għandu ebda informazzjoni dwar id-diversi qsim tal-fruntieri ta' MA. Dan id-dipartiment enfasizza wkoll li l-persuna kkonċernata daħlet u rrisjediet illegalment fil-Litwanja, li ma għandhiex post ta' residenza fiha, ma għandhiex rabtiet familjari, soċjali, ekonomiċi jew oħra ma' dan l-Istat, u li lanqas għandha mezzi ta' għajxien fiha. Konsegwentement, skont il-VSAT, kien iġġustifikat li wieħed jaħseb li, jekk ma jitqiegħedx f'detenzjoni, MA seta' jaħrab sabiex jevita eventwali tneħħija.

23. Waqt is-seduta quddiem il-qorti tal-ewwel istanza, MA wera r-rieda tiegħu li jibbenefika minn protezzjoni internazzjonali. Għalhekk, skont l-Artikolu 2(18[4]) u (20), tal-Liġi dwar il-Barranin, u fid-dawl tas-sentenza Ministerio Fiscal (Awtorità li tista' tirċievi applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali)[9], din il-qorti qieset lill-persuna kkonċernata bħala applikant għall-ażil. Għalhekk, l-imsemmija qorti qieset li kien neċessarju li titqiegħed f'detenzjoni, għar-raġuni prevista fl-Artikolu 113(4)(2) tal-Liġi dwar il-Barranin[10]. Fil-fatt, fid-dawl, b'mod partikolari, tal-fatt li MA kien daħal fil-Litwanja illegalment u tal-fatt li, skont id-dikjarazzjonijiet tiegħu stess, id-destinazzjoni tiegħu kienet il-Ġermanja, kien hemm raġunijiet għalfejn wieħed jaħseb li, jekk il-persuna kkonċernata ma titqiegħedx f'detenzjoni, hija kienet taħrab sabiex tevita li tintbagħat lura f'pajjiż terz jew titneħħa mil-Litwanja.

24. Għalhekk, b'deċiżjoni tal-20 ta' Novembru 2021, il-qorti tal-ewwel istanza ordnat id-detenzjoni ta' MA f'ċentru tal-VSAT, sal-adozzjoni ta' deċiżjoni dwar l-istatus legali tiegħu fil-Litwanja iżda, fi kwalunkwe każ, għal tul massimu ta' tliet xhur, jiġifieri sa mhux iktar tard mit-18 ta' Frar 2022.

25. Sussegwentement, MA appella minn din id-deċiżjoni quddiem il-Lietuvos vyriausiasis administracinis teismas (il-Qorti Amministrattiva Suprema tal-Litwanja). Fil-fehma tiegħu, il-qorti tal-ewwel istanza imponiet fuqu b'mod żbaljat l-iktar miżura koerċittiva restrittiva, li tmur lil hinn minn dak li huwa neċessarju sabiex jintlaħaq l-għan imfittex. MA talab li minflok tiġi applikata għalih miżura alternattiva għad-detenzjoni, jiġifieri l-obbligu li jippreżenta ruħu regolarment lill-VSAT.

9 Sentenza tal-25 ta' Ġunju 2020 (C-36/20 PPU, iktar 'il quddiem is-"sentenza Ministerio Fiscal", EU:C:2020:495).

10 Skont din id-dispożizzjoni, applikant għall-ażil jista' jitqiegħed f'detenzjoni sabiex jiġu ddeterminati r-raġunijiet li fuqhom hija bbażata l-applikazzjoni tiegħu (meta ma jkunx possibbli li din l-informazzjoni tinkiseb mod ieħor) u jekk, wara eżami taċ-ċirkustanzi indikati f'ċerti dispożizzjonijiet tal-liġi, ikun hemm raġunijiet għalfejn jitqies li l-persuna kkonċernata tista' taħrab sabiex tevita li tintbagħat lura fi Stat terz jew titneħħa mil-Litwanja.

26. Bi tweġiba, il-VSAT enfasizzat li wara li wasal fil-Litwanja mill-Bjelorussja, MA ma kienx indirizza lill-awtoritajiet nazzjonali u kien kompla l-vjaġġ tiegħu bi qsim illegali tal-fruntiera Pollakka. F'dan ir-rigward, il-persuna kkonċernata kienet indikat li kienet ħallset lil persuna oħra sabiex tittrasportaha lejn il-Ġermanja mill-Polonja. Waqt is-smigħ tiegħu minn dan id-dipartiment, MA kien evita, sa mill-bidu, li jwieġeb direttament għall-mistoqsijiet magħmula lilu, u ta biss tweġibiet vagi. Tali aġir ma jikkostitwixxix kooperazzjoni xierqa. Għalhekk, il-VSAT sostna li jekk tiġi adottata l-miżura alternattiva għad-detenzjoni mitluba mill-persuna kkonċernata, huwa ferm probabbli li din taħrab qabel ma tiġi adottata deċiżjoni dwar l-istatus legali tagħha.

27. Waqt l-ewwel seduta quddiem il-qorti tar-rinviju, MA sostna l-applikazzjoni tiegħu għal protezzjoni internazzjonali u indika li fl-20 ta' Novembru 2021 kien diġà ppreżenta tali applikazzjoni, bil-miktub, lil uffiċjal mhux identifikat tal-VSAT, iżda li ma għandux informazzjoni dwar x'ġara minn din l-applikazzjoni. Għalhekk, ir-rappreżentant ta' dan id-dipartiment indika li ma teżistix informazzjoni dwar ir-reġistrazzjoni ta' applikazzjoni għall-ażil fir-rigward ta' MA, għaliex ebda applikazzjoni ta' dan it-tip ma kienet ġiet ippreżentata konformement mal-leġiżlazzjoni Litwana. Madankollu, l-istess rappreżentant talab lil din il-qorti tordna lill-awtorità kompetenti, jiġifieri d-Dipartiment tal-Migrazzjoni, taċċetta l-applikazzjoni ta' MA għall-eżami.

28. Fl-24 ta' Jannar 2022, MA ssottometta, bil-miktub, applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali lill-VSAT, li dan id-dipartiment bagħat lid-Dipartiment tal-Migrazzjoni. Fis-27 tal-istess xahar, din l-aħħar awtorità bagħtet din l-applikazzjoni lura għar-raġunijiet, minn naħa, li kienet ġiet sottomessa bi ksur tal-Artikolu 140[12](1) tal-Liġi dwar il-Barranin kif ukoll tal-punti 22 u 23 tad-deskrizzjoni tal-proċedura u, min-naħa l-oħra, li ma kinitx ġiet ippreżentata mingħajr dewmien.

29. Fl-1 ta' Frar 2022, waqt seduta ġdida quddiem il-qorti tar-rinviju, ir-rappreżentant tal-VSAT u r-rappreżentant ta' MA, it-tnejn talbu lil din il-qorti tordna lid-Dipartiment tal-Migrazzjoni jeżamina l-applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali tal-persuna kkonċernata.

30. F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Lietuvos vyriausiasis administracinis teismas (il-Qorti Amministrattiva Suprema tal-Litwanja), qabel kollox, iddeċidiet li taġġusta temporanjament is-sitwazzjoni ta' MA u li tadotta, fir-rigward tiegħu, miżura "differenti mid-detenzjoni", jiġifieri "l-akkomodazzjoni f'ċentru tal-VSAT jew f'post ieħor addattat, b'restrizzjoni tal-libertà ta' moviment tiegħu għat-territorju tal-post ta' akkomodazzjoni", valida sat-18 ta' Frar 2022. Sussegwentement, billi osservat li MA huwa "manifestament applikant għal protezzjoni internazzjonali", din il-qorti ordnat lid-Dipartiment tal-Migrazzjoni biex ma jibagħtux f'pajjiż terz jew ineħħih mil-Litwanja sal-adozzjoni ta' deċiżjoni definittiva fil-kawża prinċipali. Fl-aħħar nett, l-imsemmija qorti ddeċidiet li tissospendi l-proċedura u tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari li ġejjin:

"1) L-Artikolu 7(1) tad-[Direttiva dwar il-'proċeduri'], moqri flimkien mal-Artikolu 4(1) tad-[Direttiva 2011/95/UE dwar standards għall-kwalifika ta' ċittadini nazzjonali ta' pajjiżi terzi jew persuni mingħajr stat bħala benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali, għal stat uniformi għar-refuġjati jew għal persuni eliġibbli għal protezzjoni sussidjarja, u għall-kontenut tal-protezzjoni mogħtija [11]], għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi regoli tad-dritt nazzjonali bħal dawk applikabbli f'dan il-każ, li abbażi tagħhom, f'każ ta'

[11] Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2011 (riformulazzjoni) (ĠU 2011, L 337, p. 9).

dikjarazzjoni tal-istat ta' gwerra jew tal-istat ta' emerġenza jew f'każ ta' proklamazzjoni ta' sitwazzjoni ta' emerġenza minħabba fluss massiv ta' barranin, barrani li jkun daħal u jirrisjedi illegalment fit-territorju ta' Stat Membru ma għandux, essenzjalment, il-possibbiltà li jippreżenta applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali?

2) F'każ ta' risposta fl-affermattiv għall-ewwel domanda, id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 8(2) u (3) tad-[Direttiva dwar l-"akkoljenza"] għandhom jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu regola tad-dritt nazzjonali li tgħid li, f'każ ta' dikjarazzjoni tal-istat ta' gwerra jew tal-istat ta' emerġenza jew f'każ ta' proklamazzjoni ta' sitwazzjoni ta' emerġenza minħabba fluss massiv ta' barranin, applikant għall-ażil jista' jitqiegħed f'detenzjoni għall-unika raġuni li jkun daħal fit-territorju tar-Repubblika tal-Litwanja billi qasam illegalment il-fruntiera tagħha?"

## IV. Il-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja

31. It-talba għal deċiżjoni preliminari, bid-data tat-2 ta' Frar 2022, ġiet ippreżentata fir-Reġistru tal-Qorti tal-Ġustizzja fl-4 tal-istess xahar.

32. Barra minn hekk, il-qorti tar-rinviju talbet li dan ir-rinviju jkun suġġett għall-proċedura b'urġenza għal deċiżjoni preliminari, prevista fl-Artikolu 107 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja.

33. Insostenn ta' din it-talba, din il-qorti sostniet li MA kien tqiegħed f'detenzjoni mis-17 ta' Novembru 2021 sat-2 ta' Frar 2022, u li kien is-suġġett, sa minn din l-aħħar data u sat-18 ta' Frar 2022, ta' miżura ta' "akkomodazzjoni f'ċentru tal-VSAT jew f'post ieħor addattat, b'restrizzjoni tal-libertà ta' moviment għat-territorju tal-post ta' akkomodazzjoni" [12].

34. Fil-21 ta' Frar 2022, l-Ewwel Awla tal-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li tibgħat lill-qorti tar-rinviju talba għal kjarifiki dwar is-sitwazzjoni ta' MA wara t-18 ta' Frar 2022. Fit-tweġiba tagħha, din il-qorti ċċarat li l-persuna kkonċernata kienet is-suġġett, sa mill-11 ta' Frar 2022, ta' miżura ġdida ta' akkomodazzjoni f'ċentru tal-VSAT, li ma kellhiex dritt toħroġ minnu mingħajr awtorizzazzjoni, u dan sakemm tittieħed deċiżjoni dwar l-istatus legali tagħha fil-Litwanja, iżda, fi kwalunkwe każ, għal mhux iktar minn tliet xhur, jiġifieri sa mhux iktar tard mill-11 ta' Mejju 2022.

35. Fid-dawl ta' din ir-risposta, fit-3 ta' Marzu 2022, l-Ewwel Awla tal-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li tilqa' t-talba tal-qorti tar-rinviju intiża sabiex tissuġġetta dan ir-rinviju preliminari għall-proċedura b'urġenza għal deċiżjoni preliminari.

36. MA, il-Gvern Litwan kif ukoll il-Kummissjoni Ewropea ppreżentaw osservazzjonijiet bil-miktub quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja. Dan il-gvern u l-Kummissjoni kienu wkoll irrappreżentati waqt is-seduta li nżammet fis-7 ta' April 2022.

[12] Ara l-punti 24 u 30 ta' dawn il-konklużjonijiet.

## V. Analiżi

37. Fil-kawża prinċipali, il-qorti tar-rinviju hija mitluba tiddeċiedi dwar il-legalità u l-fondatezza ta' miżura ta' detenzjoni. Din il-miżura kienet ġiet imposta fuq MA, ċittadin ta' pajjiż terz li daħal illegalment fil-Litwanja [13] mill-Bjelorussja.

38. Sabiex tiddeċiedi dwar l-imsemmija miżura, din il-qorti għandha, *fl-ewwel lok*, tiddetermina jekk iċ-ċittadin ikkonċernat jaqax fil-kamp ta' applikazzjoni tar-regoli applikabbli għall-applikanti għal protezzjoni internazzjonali, inkluż tal-garanziji li dawn tal-aħħar għandhom jibbenefikaw minnhom fil-qasam tad-detenzjoni, kif armonizzati fid-Direttivi dwar il-"proċeduri" u l-"akkoljenza".

39. F'dan il-kuntest, hija tistaqsi dwar il-kompatibbiltà mad-dritt tal-Unjoni ta' dispożizzjoni tad-dritt Litwan, jiġifieri l-Artikolu 140[12] tal-Liġi dwar il-Barranin. Kif indikajt fl-introduzzjoni, din id-dispożizzjoni tippreżenta l-partikolarità li tapplika biss f'każ ta' dikjarazzjoni tal-"istat ta' gwerra" jew tal-"istat ta' emerġenza" jew anki ta' proklamazzjoni ta' "sitwazzjoni ta' emerġenza fuq livell nazzjonali fit-territorju kollu minħabba fluss massiv ta' barranin", sitwazzjonijiet li matulhom, f'miżuri differenti, id-dritt komuni jiġi temporanjament sospiż jew ristrett sabiex jippermetti lill-Istat Litwan jissalvagwardja l-ordni pubbliku u s-sigurtà pubblika minħabba ċ-"ċirkustanzi eċċezzjonali" inkwistjoni. F'dan il-każ, meta seħħew il-fatti, kemm l-"istat ta' emerġenza" kif ukoll dak tas-"sitwazzjoni ta' emerġenza", kienu ġew implimentati mil-Litwanja minħabba l-"fluss massiv" ta' migranti fil-fruntiera li dan l-Istat jaqsam mal-Bjelorussja.

40. F'dawn iċ-ċirkustanzi, l-Artikolu 140[12] tal-Liġi dwar il-Barranin issostitwixxa r-regoli tad-dritt komuni relattivi għall-modalitajiet ta' aċċess taċ-ċittadini ta' pajjiżi terz għall-proċeduri tal-għoti tal-protezzjoni internazzjonali fil-Litwanja, u b'hekk, taqqal dawn l-istess modalitajiet. Fil-fatt, għall-kuntrarju ta' dak li jippermetti d-dritt Litwan fi żminijiet "normali", dan l-artikolu jipprovdi, essenzjalment, li ċittadin ta' pajjiż terz ma jistax, bħala prinċipju, jissottometti b'mod validu applikazzjoni għall-ażil fit-territorju Litwan wara li jkun daħal fih b'mod irregolari – u dan minkejja l-fatt li, f'dan il-każ, MA wera diversi drabi r-rieda tiegħu li jikseb tali protezzjoni.

41. Madankollu, il-qorti tar-rinviju tiddubita li dan huwa konformi mad-dritt tal-Unjoni. Għalhekk, permezz tal-*ewwel domanda* tagħha, hija tistieden lill-Qorti tal-Ġustizzja tippreċiża jekk ir-regoli tad-Direttiva dwar il-"proċeduri" [14] jipprekludux dispożizzjoni nazzjonali li għandha tali konsegwenzi.

42. Jekk jitqies li dan huwa l-każ, u li ċittadin ta' pajjiż terz bħal MA jaqa', fid-dawl tax-xewqa li huwa esprima li jikseb protezzjoni internazzjonali, taħt ir-regoli applikabbli għall-applikanti għall-ażil, il-qorti tar-rinviju, għandha, *fit-tieni lok*, teżamina l-miżura ta' detenzjoni li kienet imposta fuq din il-persuna fid-dawl tal-garanziji previsti, f'dan il-qasam, fid-Direttivi dwar il-"proċeduri" u dwar l-"akkoljenza".

13 B'din l-espressjoni, nirreferi għall-fatt li MA qasam il-fruntiera li tissepara l-Litwanja mill-Bjelorussja mingħajr ma osserva r-rekwiżiti għad-dħul elenkati fl-Artikolu 6(1) tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen. Barra minn hekk, jidher li l-persuna kkonċernata qasmet il-fruntiera b'mod "mhux awtorizzat", fis-sens tal-Artikolu 5(3) ta' dan il-kodiċi, jiġifieri minn postijiet li ma humiex punti ta' qsim tal-fruntieri jew f'ħinijiet li ma humiex ħinijiet tal-ftuħ stabbiliti (ara l-punti 20 u 22 ta' dawn il-konklużjonijiet).

14 Minkejja li l-qorti tar-rinviju rreferiet, fil-kliem tal-ewwel domanda tagħha, għall-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 2011/95, dan l-artikolu jirrigwarda elementi li jappoġġjaw applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali u, għalhekk, ma jirregolax id-domanda magħmula. Min-naħa l-oħra, f'dan ir-rigward huma rilevanti dispożizzjonijiet differenti tad-Direttiva dwar il-"proċeduri", kif ser nuri fid-dettall iktar 'il quddiem.

43. F'dan il-kuntest, din il-qorti tistaqsi dwar il-kompatibbiltà ma' dawn id-direttivi ta' dispożizzjoni oħra tal-Liġi dwar il-Barranin, jiġifieri l-Artikolu 140[17](2) tagħha. Din id-dispożizzjoni hija applikabbli wkoll fil-Litwanja minħabba d-dikjarazzjoni ta' "stat ta' emerġenza" u l-proklamazzjoni ta' "sitwazzjoni ta' emerġenza" invokati preċedentement. F'dawn iċ-ċirkustanzi, l-imsemmija dispożizzjoni tiżdied mar-regoli ordinarji fil-qasam tad-detenzjoni tal-applikanti għal protezzjoni internazzjonali [15] u, hija wkoll, taqqlet it-trattament irriżervat għal dawk li jidħlu illegalment fit-territorju Litwan.

44. Fil-fatt, minkejja li, fi żminijiet "normali", ċittadin ta' pajjiż terz li japplika għall-ażil fil-Litwanja ma jistax jitqiegħed f'detenzjoni għall-unika raġuni li jkun qasam illegalment il-fruntiera ta' dan l-Istat, fi żminijiet "eċċezzjonali", l-Artikolu 140[17](2) tal-Liġi dwar il-Barranin jippermetti dan.

45. Madankollu, hawnhekk ukoll, il-qorti tar-rinviju tiddubita kemm dan huwa kompatibbli mad-dritt tal-Unjoni. Għalhekk, permezz tat-*tieni domanda* tagħha, din il-qorti tistieden lill-Qorti tal-Ġustizzja tippreċiża jekk ir-regoli tad-Direttiva dwar l-"akkoljenza" jipprekludux tali dispożizzjoni nazzjonali.

46. Sabiex inkun kemm jista' jkun istruttiv, ser naqsam l-analiżi tiegħi f'żewġ partijiet. *Minn naħa*, ser nispjega għalfejn dispożizzjonijiet nazzjonali bħall-Artikoli 140[12] u 140[17](2) tal-Liġi dwar il-Barranin ma humiex kompatibbli mad-Direttivi dwar il-"proċeduri" u dwar l-"akkoljenza", irrispettivament mill-fatt li dawn id-dispożizzjonijiet japplikaw biss fi, u jindirizzaw lil, "ċirkustanzi eċċezzjonjali" (Taqsimiet B u C). *Min-naħa l-oħra*, ser neżamina l-punt dwar jekk, u jekk ikun il-każ sa fejn, Stat Membru huwa awtorizzat, skont id-dritt primarju tal-Unjoni, jidderoga minn dawn id-direttivi sabiex jissalvagwardja l-ordni pubbliku u s-sigurtà interna meta jaffaċċja tali ċirkustanzi (Taqsima D). Qabel dan, ser nindirizza l-ammissibbiltà tad-domandi preliminari (Taqsima A).

## A. Fuq l-ammissibbiltà tad-domandi preliminari

47. Minkejja li qajjimx formalment eċċezzjoni ta' inammissibbiltà, il-Gvern Litwan ressaq żewġ argumenti f'dan is-sens.

48. *Fl-ewwel lok*, dan il-gvern implika li t-tieni domanda kienet, sa mill-bidu nett, irrilevanti għas-soluzzjoni tal-kawża prinċipali, peress li d-detenzjoni ta' MA kienet ordnata mill-qorti tal-ewwel istanza mhux abbażi tal-Artikolu 140[17](2) tal-Liġi dwar il-Barranin, iżda tal-Artikolu 113(4)(2) ta' din il-liġi, fid-dawl tar-riskju li dan tal-aħħar jaħrab [16].

49. Għall-kuntrarju, fil-fehma tiegħi, it-tieni domanda tidher tabilħaqq rilevanti għas-soluzzjoni tal-kawża prinċipali. Fil-fatt, il-qorti tar-rinviju spjegat li hija mitluba tiddeċiedi kemm dwar il-legalità kif ukoll dwar il-fondatezza tad-deċiżjoni inizjali ta' detenzjoni ta' MA. Għalhekk, għandu jiġi vverifikat mhux biss jekk din id-deċiżjoni kellhiex bażi legali, iżda wkoll jekk kinitx opportuna. F'dan il-kuntest, il-fatt li l-qorti tal-ewwel istanza bbażat ruħha fuq ir-riskju li l-persuna kkonċernata taħrab, donnu ma jipprekludix li l-qorti tar-rinviju tieħu inkunsiderazzjoni raġunijiet legali oħra, li jistgħu jiġġustifikaw l-imsemmija deċiżjoni. Barra minn

15 Previsti b'mod partikolari, fl-Artikolu 113(4) tal-Liġi dwar il-Barranin.

16 Ara l-punt 23 ta' dawn il-konklużjonijiet.

hekk, din il-qorti enfasizzat li risposta għal din id-domanda tippermettilha li "tiddeċiedi mingħajr ekwivoku u b'mod ċar dwar [...] ir-raġuni preċiża ta' detenzjoni [ta' MA] jew dwar l-adozzjoni ta' miżura differenti mid-detenzjoni".

50. *Fit-tieni lok*, il-Gvern Litwan implika li fi kwalunkwe każ, ma għandhiex tingħata risposta għad-domandi preliminari. Fil-fatt, fir-rigward tal-ewwel domanda, dan il-gvern indika, waqt is-seduta, li fit-18 ta' Marzu 2022, id-Dipartiment tal-Migrazzjoni kien irreġistra l-applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali ta' MA, li attwalment qed jeżamina l-fondatezza tagħha. Fir-rigward tat-tieni domanda, l-imsemmi gvern enfasizza li bħalissa MA ma għadux detenut, peress li d-detenzjoni ordnata mill-qorti tal-ewwel istanza fl-20 ta' Novembru 2021 kienet issostitwita, fit-2 ta' Frar 2022, b'miżura "differenti mid-detenzjoni", imġedda sal-11 ta' Mejju 2022 [17].

51. Fil-fehma tiegħi, għad hemm lok li tingħata risposta għad-domandi magħmula.

52. F'dan ir-rigward, skont kif fhimt id-deċiżjoni tar-rinviju, sabiex tiddeċiedi dwar il-miżura ta' detenzjoni imposta fuq MA, il-qorti nazzjonali ser ikollha, b'mod partikolari, tmur lura għad-data li fiha ġiet ordnata din il-miżura. Għaldaqstant, *minn naħa*, anki jekk jiġi preżunt li l-applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali tal-persuna kkonċernata kienet finalment irreġistrata fit-18 ta' Marzu 2022 – informazzjoni li, mill-bqija, il-qorti tar-rinviju ma kkonfermatx – il-kawża prinċipali żżomm l-għan tagħha, u l-ewwel domanda tibqa' rilevanti għas-soluzzjoni tagħha. Fil-fatt, tibqa' l-kwistjoni dwar jekk MA kellux jitqies li jaqa' taħt regoli applikabbli għall-applikanti għall-ażil, inkluż dawk fil-qasam ta' detenzjoni, sa mill-20 ta' Novembru 2021, data li fiha ġiet ordnata l-miżura kkontestata u meta, barra minn hekk, il-persuna kkonċernata weriet, għall-ewwel darba, ir-rieda tagħha li tibbenefika minn protezzjoni internazzjonali [18].

53. *Min-naħa l-oħra*, għall-istess raġuni, il-fatt li l-miżura ta' detenzjoni inizjalment imposta fuq MA kienet, sussegwentement, issostitwita minn miżura "differenti mid-detenzjoni", ma jpoġġix indiskussjoni r-rilevanza tat-tieni domanda. Barra minn hekk, il-fatt li l-ewwel miżura kienet imħassra sussegwentement ma jneħħix l-effetti tagħha diġà mwettqa. MA kien imċaħħad mil-libertà tiegħu tal-inqas mill-20 ta' Novembru 2021 sat-2 ta' Frar 2022. Għalhekk, huwa għad fadallu interess li l-eventwali illegalità ta' din il-miżura tiġi kkonstatata ġudizzjarjament. Tali konstatazzjoni tista' sservih ta' bażi għal talba għall-kumpens futura [19].

## B. Fuq l-aċċess għal proċedura ta' għoti tal-protezzjoni internazzjonali, skont id-Direttiva dwar il-"proċeduri" (l-ewwel parti tal-ewwel domanda)

54. Kif indikajt, l-Artikolu 140[12] tal-Liġi dwar il-Barranin jipprovdi modalitajiet "eċċezzjonali" għall-introduzzjoni ta' applikazzjonijiet għal protezzjoni internazzjonali fil-Litwanja, implimentati sabiex jindirizzaw il-"fluss massiv" preċedentement imsemmi. Jidhirli li f'dan l-istadju tal-analiżi tiegħi, huwa opportun li jingħataw id-dettalji tal-funzjonament u tal-implikazzjonijiet tiegħu.

17 Ara l-punti 30 u 34 ta' dawn il-konklużjonijiet.

18 Ara l-punt 23 ta' dawn il-konklużjonijiet.

19 Barra minn hekk, MA jsostni li l-miżura "differenti mid-detenzjoni" li ġiet imposta fuqu tikkostitwixxi detenzjoni *de facto*. It-tieni domanda żżomm ir-rilevanza tagħha f'dan ir-rigward ukoll (ara l-punti 84 sa 88 ta' dawn il-konklużjonijiet).

55. Skont din id-dispożizzjoni, ċittadin ta' pajjiż terz jista' jissottometti tali applikazzjoni biss (1) fil-postijiet ta' kontroll fil-fruntieri jew fiż-żoni ta' tranżitu, quddiem il-VSAT, jew (2) fit-territorju tar-Repubblika tal-Litwanja, *jekk ikun daħal fih legalment*, quddiem id-Dipartiment tal-Migrazzjoni, jew anki (3) f'pajjiż barrani, quddiem rappreżentazzjonijiet diplomatiċi u konsulari ta' dan l-Istat.

56. Tali applikazzjoni titqies, fid-dritt Litwan, bħala validament sottomessa biss meta dan isir skont il-modalitajiet previsti f'din id-dispożizzjoni [20]. Jekk ikun il-każ, iċ-ċittadin ikkonċernat jitqies għalhekk bħala applikant għall-ażil – skont id-definizzjoni ta' dan il-kunċett li tinsab fl-Artikolu 2(20) tal-Liġi dwar il-Barranin [21] – u jgawdi d-drittijiet u l-garanziji marbuta ma' dan l-istatus [22].

57. B'mod kuntrarju, meta ċittadin ta' pajjiż terz ma josservax il-modalitajiet inkwistjoni, l-applikazzjoni tiegħu ma tiġix, skont l-Artikolu 140[12](2) tal-Liġi dwar il-Barranin, aċċettata għall-eżami, u ħlief fil-każ ta' eċċezzjoni [23], tintbagħat lura lill-persuna kkonċernata [24].

58. Minn dak li ntqal jirriżulta li, fil-prattika, iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li ma jissodisfawx ir-rekwiżiti tad-dħul fiż-żona Schengen ma jistgħux japplikaw b'mod validu għall-ażil fil-Litwanja ħlief minn pajjiż barrani jew fil-fruntiera ta' dan l-Istat. Dawn iċ-ċittadini ma jistgħux, ħlief b'eċċezzjoni, japplikaw ġewwa t-territorju Litwan wara li jkunu daħlu fih illegalment. Bħala prinċipju, meta jipprovaw jagħmlu dan, l-applikazzjoni tagħhom ma tittieħidx inkunsiderazzjoni mill-awtoritajiet nazzjonali, u għalhekk, ma jitqisux bħala applikanti għall-ażil.

59. F'dan il-każ, jidher li MA prova erba' darbiet jitlob protezzjoni internazzjonali fit-territorju Litwan wara li daħal fih illegalment [25]. Tal-inqas waħda mill-applikazzjonijiet bil-miktub tiegħu ntbagħtet lill-awtorità Litwana kompetenti, jiġifieri lid-Dipartiment tal-Migrazzjoni, li rrifjuta li jaċċetta din l-applikazzjoni għall-eżami għar-raġuni li ma kinitx ġiet ippreżentata konformement mal-modalitajiet previsti fl-Artikolu 140[12](1) tal-Liġi dwar il-Barranin [26]. Skont il-qorti tar-rinviju, b'applikazzjoni tal-Artikolu 2(20) ta' din il-liġi, MA ma għandux għalhekk jitqies bħala applikant għall-ażil [27].

60. Bħal MA u l-Kummissjoni, inqis li tali modalitajiet ta' aċċess għall-proċedura tal-għoti tal-protezzjoni internazzjonali, u l-implikazzjonijiet li jirriżultaw minnhom, ma humiex kompatibbli mar-regoli tad-Direttiva dwar il-"proċeduri".

20 Ara wkoll l-ewwel sentenza tal-punt 22 tad-deskrizzjoni tal-proċedura.

21 Ara l-punt 13 ta' dawn il-konklużjonijiet.

22 Ara wkoll it-tielet sentenza tal-punt 22 tad-deskrizzjoni tal-proċedura.

23 Eċċezzjoni li ser tiġi diskussa fil-punt 78 ta' dawn il-konklużjonijiet.

24 Ara wkoll il-punt 23 tad-deskrizzjoni tal-proċedura.

25 Ara l-punti 23 u 27 sa 28 ta' dawn il-konklużjonijiet.

26 Dan ir-rifjut kien ibbażat ukoll fuq il-fatt li MA ma ppreżentax l-applikazzjoni tiegħu fl-iqsar żmien possibbli wara li qasam illegalment il-fruntiera nazzjonali. Dan l-aspett ser jiġi eżaminat fin-nota 33 ta' dawn il-konklużjonijiet.

27 Ser nissimplifika l-affarijiet għall-finijiet tal-analiżi. Fir-realtà, il-kwistjoni tal-istatus legali ta' MA tagħti lok għal taħwid fuq livell nazzjonali: il-qorti tal-ewwel istanza u l-qorti tar-rinviju jikkunsidrawh bħala applikant għall-ażil (ara l-punti 23 u 30). Min-naħa tiegħu, il-VSAT kien irrifjuta inizjalment li jaċċetta l-applikazzjoni tiegħu, qabel ma finalment talab lil din l-aħħar qorti tordna lid-Dipartiment tal-Migrazzjoni teżaminaha (ara l-punt 27) – billi donnu jeżerċita s-setgħa diskrezzjonali diskussa fil-punt 78; fl-aħħar nett, filwaqt li l-imsemmi dipartiment kien bagħat lura l-applikazzjoni ta' MA (ara l-punt 28), huwa finalment iddeċieda li jeżaminaha (ara l-punt 51). Evidentement, dawn l-awtoritajiet kollha ma jaqrawx id-dritt nazzjonali jew id-dritt tal-Unjoni bl-istess mod.

61. F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar, *fl-ewwel lok*, li skont ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, kull ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida[28] għandha, skont l-Artikolu 7(1) ta' din id-direttiva, moqri flimkien mal-Artikolu 3(1) tagħha, id-dritt li titlob il-benefiċċju ta' protezzjoni internazzjonali fit-territorju ta' Stat Membru. Dan hija konkretizzazzjoni tad-dritt għall-ażil mogħti fl-Artikolu 18 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem il-"Karta")[29].

62. Skont din l-istess ġurisprudenza, tali ċittadin jista', skont id-dispożizzjonijiet fuq imsemmija, jeżerċita d-dritt tiegħu li jitlob l-ażil mhux biss fil-fruntieri jew fiż-żoni ta' tranżitu ta' Stat Membru, iżda wkoll fit-territorju ta' dan l-Istat, u dan anki jekk ikun jirrisjedi fih irregolarment[30]. L-istess japplika, b'analoġija, meta dan iċ-ċittadin ikun daħal f'dan it-territorju illegalment.

63. Il-qari ta' dispożizzjonijiet oħra tad-Direttiva dwar il-"proċeduri" jikkonferma din l-interpretazzjoni. Minn naħa, il-fatt li ċittadin ta' pajjiż terz, ikun daħal jew estenda r-residenza tiegħu illegalment fit-territorju tal-Istat Membru ta' akkoljenza ma jinsabx fost ir-raġunijiet ta' inammissibbiltà tal-applikazzjonijiet għall-ażil elenkati, b'mod eżawrjenti fl-Artikolu 33(2) ta' din id-direttiva. Min-naħa l-oħra, l-Artikolu 31(8)(h) tal-imsemmija direttiva jawtorizza, kif ser nippreċiża sussegwentement[31], lill-awtoritajiet nazzjonali, f'ċerti każijiet[32], jeżaminaw applikazzjoni sottomessa f'tali ċirkustanzi b'mod mgħaġġel u skont proċedura speċifika – li jimplika neċessarjament li għandhom, qabel kollox, jaċċettawha għall-eżami.

64. *Fit-tieni lok*, infakkar li sabiex fil-prattika, iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi jkunu jistgħu jeżerċitaw id-dritt li jitolbu l-ażil li huwa hekk iggarantit lilhom, l-Istati Membri għandhom joffrulhom aċċess effettiv, faċli u rapidu għal proċedura ta' għoti ta' din il-protezzjoni fit-territorju tagħhom.

65. F'dan ir-rigward, l-Artikolu 6 ta' din id-direttiva jiddistingwi, fil-paragrafi 1 sa 4 tiegħu, *minn naħa*, meta "ssir" applikazzjoni għall-ażil minn ċittadin ta' pajjiż terz u, *min-naħa l-oħra*, il-"preżentazzjoni" tagħha. Hawnhekk il-leġiżlatur tal-Unjoni ried jissepara b'mod ċar żewġ stadji, jiġifieri, *qabel kollox*, il-manifestazzjoni informali, minn tali ċittadin, tar-rieda tiegħu li jibbenefika minn protezzjoni internazzjonali, u *sussegwentement*, is-sottomissjoni formali ta' applikazzjoni għal dan il-għan.

66. Għal dak li jirrigwarda l-*ewwel stadju*, mill-paragrafu 1 ta' dan l-artikolu jirriżulta li ċittadin ta' pajjiż terz "[j]agħmel" applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali meta juri, b'xi mod, ix-xewqa tiegħu li jibbenefika minn din il-protezzjoni quddiem l-"awtorità kompetenti taħt il-liġi nazzjonali għar-reġistrazzjoni ta' applikazzjonijiet bħal dawn" jew kwalunkwe "awtorit[à] oħra" li magħha jista' jiġi f'kuntatt matul il-vjaġġ tiegħu, bħal "pulizija, gwardji tal-fruntiera, awtoritajiet tal-immigrazzjoni u persunal tal-faċilitajiet ta' detenzjoni"[33].

28 Għall-kumdità, ser nirreferi biss għaċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi fil-bqija ta' dawn il-konklużjonijiet.

29 Ara, b'mod partikolari, is-sentenza tas-16 ta' Novembru 2021, Il-Kummissjoni vs L-Ungerija (Kriminalizzazzjoni tal-għajnuna lill-applikanti għall-ażil) (C-821/19, EU:C:2021:930, punti 132 u 136 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

30 Ara, b'mod partikolari, is-sentenza tas-16 ta' Novembru 2021, Il-Kummissjoni vs L-Ungerija (Kriminalizzazzjoni tal-għajnuna lill-applikanti għall-ażil) (C-821/19, EU:C:2021:930, punt 136 u l-ġurisprudenza ċċitata).

31 Ara l-punt 129 ta' dawn il-konklużjonijiet.

32 Dan huwa l-każ meta l-persuna kkonċernata, mingħajr raġuni valida, ma ppreżentatx ruħha lill-awtoritajiet jew ma ppreżentatx applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali fl-iqsar żmien possibbli fid-dawl taċ-ċirkustanzi tad-dħul tagħha. Għalhekk, minkejja li, għall-kuntrarju ta' dak li qies id-Dipartiment tal-Migrazzjoni (ara l-punt 28 ta' dawn il-konklużjonijiet), tali ċirkustanzi ma jistgħux itellfu lill-persuna kkonċernata d-dritt tagħha li titlob l-ażil (ara wkoll, għall-ammissibbiltà tal-applikazzjonijiet tardivi, l-Artikolu 10(1) tad-Direttiva dwar il-"proċeduri"), huma jista' jkollhom konsegwenzi fuq il-mod kif tiġi eżaminata l-applikazzjoni tagħha mill-awtoritajiet nazzjonali (ara wkoll il-punt 129 ta' dawn il-konklużjonijiet).

33 Ara l-premessa 27 tad-Direttiva dwar il-"proċeduri" u s-sentenza tas-17 ta' Diċembru 2020, Il-Kummissjoni vs L-Ungerija (Akkoljenza tal-applikanti għal protezzjoni internazzjonali) (C-808/18, EU:C:2020:1029, punt 97 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

67. Fuq dan il-punt nenfasizza li, skont l-ispjegazzjonijiet li jinsabu fil-punt 62 ta' dawn il-konklużjonijiet, ċittadin ta' pajjiż terz li jidħol u/jew jirrisjedi illegalment fit-territorju ta' Stat Membru, bħal MA, jista' fil-fatt "jagħmel" applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali waqt li jkun f'detenzjoni, jekk ikun il-każ fil-kuntest ta' proċedura ta' tneħħija skont id-Direttiva dwar ir-"ritorn"[34]. Kif indikajt fil-punt preċedenti, din id-dispożizzjoni tinkludi preċiżament lill-"persunal tal-faċilitajiet ta' detenzjoni" fost l-"awtoritajiet l-oħra" li quddiemhom tali ċittadin jista' juri b'mod validu r-rieda tiegħu li jibbenefika minn tali protezzjoni. Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà kkonstatat li ċittadin ta' pajjiż terz jista' "jagħmel" applikazzjoni għall-ażil quddiem il-qorti mitluba tiddeċiedi dwar il-legalità tad-detenzjoni tiegħu, li għandha titqies ukoll bħala tali "awtorità oħra"[35].

68. Għalhekk, meta ċittadin ta' pajjiż terz ikun wera, bħal MA, ir-rieda tiegħu li jibbenefika minn protezzjoni internazzjonali quddiem "awtoritajiet" bħall-VSAT u l-qorti tal-ewwel istanza, dawn ma jistgħux jagħżlu li jinjoraw dan il-fatt għar-raġuni li l-modalitajiet previsti mid-dritt nazzjonali għall-preżentazzjoni – jiġifieri, infakkar, is-sottomissjoni formali – ta' applikazzjoni għall-ażil ma jkunux ġew osservati. Għall-kuntrarju, minn dan għandhom jisiltu ċerti konsegwenzi.

69. *Qabel kollox*, mill-mument li fih dan iċ-ċittadin "għamel" l-applikazzjoni tiegħu, huwa għandu jitqies, mill-awtoritajiet nazzjonali, bħala "applikant", fis-sens tal-Artikolu 2(c) tad-Direttiva dwar il-"proċeduri" kif ukoll tal-Artikolu 2(b) tad-Direttiva dwar l-"akkoljenza"[36], u jibbenefika mid-drittijiet u mill-garanziji marbuta ma' dan l-istatus, kif previsti f'dawn id-direttivi[37]. B'mod partikolari, sakemm tingħata deċiżjoni dwar din l-applikazzjoni fl-ewwel istanza, l-imsemmi ċittadin, minkejja li jkun daħal jew estenda r-residenza tiegħu illegalment fit-territorju tal-Istat Membru ta' akkoljenza, ma għandux jitqies bħala li jinsab f'sitwazzjoni irregolari f'dan it-territorju, u għalhekk, bħala li jaqa' taħt ir-regoli applikabbli għall-migranti illegali, fosthom id-Direttiva dwar ir-"ritorn". Fil-fatt, l-Artikolu 9(1) tad-Direttiva dwar il-"proċeduri" jagħtih id-dritt li jibqa' f'dan l-Istat matul dan il-perijodu[38]. Barra minn hekk, it-tqegħid – jew jekk ikun il-każ, iż-żamma tiegħu – f'detenzjoni għandhom ikunu konformi mar-regoli previsti, fil-qasam, fid-Direttivi dwar il-"proċeduri" u l-"akkoljenza".

70. Minn dan jirriżulta li, kuntrarjament għal dak li donnu jipprovdi, f'dan il-każ, l-Artikolu 2(20) tal-Liġi dwar il-Barranin, l-awtoritajiet nazzjonali ma jistgħux jadottaw approċċ formalistiku għall-imsemmi status u jillimitaw il-benefiċċju tad-drittijiet u tal-garanziji assoċjati mal-persuni li jkunu ssottomettew applikazzjoni skont il-modalitajiet previsti fid-dritt nazzjonali – inkella, dawn l-istess drittijiet u garanziji jkunu mċaħħda minn parti sostanzjali tal-effett utli tagħhom.

[34] Direttiva 2008/115/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar standards u proċeduri komuni fl-Istati Membri għar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment (ĠU 2008, L 348, p. 98, iktar 'il quddiem id-"Direttiva dwar ir-'ritorn'"). Fil-fatt, ċittadin ta' pajjiż terz li jidħol b'mod illegali fit-territorju ta' Stat Membru u li ma għandux permess ta' residenza, jinsab hemm fi stat ta' "residenza irregolari" fis-sens ta' din id-direttiva. Għalhekk, bħala prinċipju, għandu jkun is-suġġett ta' proċedura ta' tneħħija skont id-direttiva msemmija.

[35] Ara s-sentenza Ministerio Fiscal (punti 59 sa 68). Dak li, f'dan il-każ, il-qorti tal-ewwel istanza debitament irrilevat (ara l-punt 23 ta' dawn il-konklużjonijiet).

[36] Fil-fatt, dawn id-dispożizzjonijiet jiddefinixxu "applikant" bħala "ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida li għamlet applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali li fir-rigward tagħha tkun għadha ma ttieħditx deċiżjoni finali".

[37] Ara l-premessa 27 tad-Direttiva dwar il-"proċeduri", kif ukoll, b'mod partikolari, is-sentenza tas-17 ta' Diċembru 2020, Il-Kummissjoni vs L-Ungerija (Akkoljenza ta' applikanti għal protezzjoni internazzjonali) (C-808/18, EU:C:2020:1029, punt 100 u l-ġurisprudenza ċċitata).

[38] Ara l-premessa 9 tad-Direttiva dwar ir-"ritorn" u s-sentenza Ministerio Fiscal (punt 99).

71. *Sussegwentement*, sabiex jiġi żgurat li ċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat jibbenefika effettivament mill-garanziji u mid-drittijiet previsti fid-Direttivi dwar il-"proċeduri" u l-"akkoljenza", l-awtoritajiet nazzjonali għandhom jirreġistraw, fi żmien qasir stabbilit fl-Artikolu 6(1) [39] tal-ewwel direttiva, lil dan iċ-ċittadin bħala "applikant" fid-databases rilevanti [40].

72. *Fl-aħħar nett*, tali ċittadin għandu jibbenefika, skont l-Artikolu 6(2) tad-Direttiva dwar il-"proċeduri", minn possibbiltà konkreta li "jippreżenta" l-applikazzjoni tiegħu – jiġifieri, kif indikajt fil-punt 65 ta' dawn il-konklużjonijiet, li jissottomettiha formalment – malajr kemm jista' jkun.

73. Għal dak li jirrigwarda dan it-*tieni stadju*, li jimmarka t-tmiem tal-fażi ta' aċċess għall-proċedura tal-għoti tal-protezzjoni internazzjonali, u l-ftuħ tal-fażi ta' eżami proprju tal-applikazzjoni [41], mill-Artikolu 6(4) ta' din id-direttiva jirriżulta li huwa neċessarju, bħala prinċipju, min-naħa taċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat, li jimla formola prevista għal dan il-għan. Barra minn hekk, skont il-paragrafu 3 ta' dan l-artikolu, l-Istati Membri jistgħu jeħtieġu li din il-formola tiġi sottomessa personalment u/jew f'post magħżul.

74. Kif isostni l-Gvern Litwan, bħala prinċipju, il-Litwanja tista' għalhekk timplimenta dispożizzjoni, fid-dritt nazzjonali tagħha, bħall-Artikolu $140^{12}$(1) tal-Liġi dwar il-Barranin, li teħtieġ li ċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi jippreżentaw l-applikazzjonijiet għall-ażil tagħhom f'postijiet partikolari u quddiem awtoritajiet indikati.

75. Madankollu, l-Istati Membri ma jistgħux jeżerċitaw il-fakultà mogħtija mill-Artikolu 6(3) tad-Direttiva dwar il-"proċeduri" b'mod li jipprekludu, fil-prattika, lil dawn iċ-ċittadini, jew anki lil uħud minnhom biss, milli jippreżentaw l-applikazzjoni tagħhom "malajr kemm jista' jkun" – jew, *a fortiori*, b'mod li jipprekluduhom kompletament milli jagħmlu dan. Fin-nuqqas, l-għan ta' din id-direttiva li tiżgura aċċess effettiv, faċli u rapidu għall-proċedura tal-għoti ta' din il-protezzjoni jitpoġġa indiskussjoni, u l-effett utli tad-dritt li wieħed jitlob l-ażil, li l-Artikolu 7(1) ta' din id-direttiva jagħti lil kull ċittadin ta' pajjiż terz, ikun ippreġudikat b'mod serju [42].

76. Issa, kif jargumentaw MA u l-Kummissjoni, l-Artikolu $140^{12}$(1) tal-Liġi dwar il-Barranin jidher problematiku f'dan ir-rigward. Fil-fatt, skont l-interpretazzjoni li tat il-qorti tar-rinviju, ċittadin bħal MA, li daħal illegalment fit-territorju Litwan u li jinsab f'detenzjoni fih, ma għandux possibbiltà konkreta li jippreżenta l-applikazzjoni tiegħu skont il-modalitajiet previsti f'din id-dispożizzjoni: minn naħa, ma huwiex, bħala prinċipju, awtorizzat jagħmel dan fit-territorju Litwan; min-naħa l-oħra, lanqas jista' jmur, sabiex jagħmel dan, fil-fruntiera ta' dan l-Istat, f'żona ta' tranżitu jew f'ambaxxata jew konsulat tal-imsemmi Stat f'pajjiż barrani.

77. Dwar dan il-punt, nenfasizza, minbarra dak diġà indikat fil-punt 75 ta' dawn il-konklużjonijiet, li t-tqegħid ta' applikant għal protezzjoni internazzjonali f'detenzjoni, preżunt li jkun konformi mar-regoli previsti fid-Direttivi dwar il-"proċeduri" u l-"akkoljenza", ma jistax, skont l-Artikolu 6(2) tal-ewwel direttiva, jostakola l-possibbiltà għall-persuna kkonċernata, li

39 Bħala prinċipju, din id-dispożizzjoni timponi fuq l-Istati Membri li jirreġistraw l-applikazzjoni sa mhux iktar tard minn tlett ijiem jew sitt ijiem ta' xogħol wara li "ssir" l-applikazzjoni, skont jekk l-applikazzjoni msemmija ssirx lill-awtorità kompetenti skont id-dritt nazzjonali għar-reġistrazzjoni tagħha jew lil "awtorità oħra".

40 Ara l-premessa 27 tad-Direttiva dwar il-"proċeduri".

41 Ara l-Artikolu 31(3) tad-Direttiva dwar il-"proċeduri" u s-sentenza tas-16 ta' Novembru 2021, Il-Kummissjoni vs L-Ungerija (Kriminalizzazzjoni tal-għajnuna lill-applikanti għall-ażil) (C-821/19, EU:C:2021:930, punt 81).

42 F'dan ir-rigward, nenfasizza li jekk applikant ma jippreżentax l-applikazzjoni tiegħu, l-Istati Membri jistgħu, bħala prinċipju, japplikaw l-Artikolu 28 tad-Direttiva dwar il-"proċeduri" bħala konsegwenza u, b'hekk, iqisu li huwa rrinunzja għaliha b'mod impliċitu.

tippreżenta l-applikazzjoni tagħha u, għalhekk, li teżerċita d-dritt tagħha li titlob l-ażil[43]. Għall-kuntrarju, din id-direttiva tipprovdi garanziji differenti intiżi sabiex jiffaċilitaw l-aċċess għall-proċedura tal-għoti ta' din il-protezzjoni fiċ-ċentri ta' detenzjoni[44]. Kif argumentat il-Kummissjoni waqt is-seduta, il-modalitajiet li l-Istati Membri jagħżlu li jistabbilixxu għall-preżentazzjoni tal-applikazzjonijiet, b'applikazzjoni tal-paragrafu 3 ta' dan l-artikolu, għandhom jippermettu lil applikant f'tali sitwazzjoni li jagħmel dan.

78. Għall-kuntrarju ta' dak sostnut mill-Gvern Litwan, is-setgħa diskrezzjonali li l-Artikolu 140[12] (2) tal-Liġi dwar il-Barranin jagħti lill-VSAT, li jaċċetta, bħala eċċezzjoni, l-applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali ta' ċittadin ta' pajjiż terz li daħal illegalment fit-territorju tal-Litwanja, fid-dawl tal-vulnerabbiltà tiegħu jew ta' ċirkustanzi individwali oħra, inkluż meta jkun f'detenzjoni f'wieħed miċ-ċentri tiegħu, ma hijiex suffiċjenti f'dan ir-rigward. Fil-fatt, skont l-Artikolu 6(2) u l-Artikolu 7(1) tad-Direttiva dwar il-"proċeduri", iċ-ċittadini kollha ta' pajjiżi terzi f'tali sitwazzjoni – u mhux biss uħud minnhom – għandhom ikunu jistgħu jitolbu tali protezzjoni, u għal dan il-għan, jippreżentaw l-applikazzjoni tagħhom malajr kemm jista' jkun[45].

79. *Fl-aħħar lok*, nippreċiża li d-Direttiva dwar il-"proċeduri" ma tawtorizzax lil Stat Membru li, għar-raġuni li huwa qed jaffaċċja, bħar-Repubblika tal-Litwanja, "fluss massiv" ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi fil-fruntieri tiegħu, jidderoga mill-obbligi li għadni kif nispjega.

80. Fil-fatt, minkejja li din id-direttiva tippermetti lill-awtoritajiet nazzjonali li, f'tali ċirkustanzi, b'mod partikolari jestendu ż-żmien tar-reġistrazzjoni[46] u ta' eżami tal-applikazzjonijiet għall-ażil[47], hija ma tawtorizzax lil dawn l-awtoritajiet iċaħħdu, fil-liġi jew fil-fatt, lil ċerti ċittadini ta' pajjiżi terzi minn aċċess effettiv għall-proċedura tal-għoti ta' din il-protezzjoni.

81. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet kollha preċedenti, nissuġġerixxi lill-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi għall-ewwel parti tal-ewwel domanda fis-sens li dispożizzjoni nazzjonali li ma tippermettix, ħlief b'eċċezzjoni, liċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi jaċċedu għall-proċedura tal-għoti ta' protezzjoni internazzjonali fit-territorju tal-Istat Membru inkwistjoni meta jkunu daħlu fih illegalment, ma hijiex kompatibbli mal-Artikolu 6(1) u (2) u mal-Artikolu 7(1) tad-Direttiva dwar il-"proċeduri".

43 Ara fl-istess sens, ir-Rakkomandazzjoni Ġabra(2003)5 1 tal-Kumitat tal-Ministri tal-Istati Membri dwar il-miżuri ta' detenzjoni ta' applikanti għall-ażil, adottata mill-Kumitat tal-Ministri fis-16 ta' April 2003, waqt it-837 laqgħa tad-Deputati tal-Ministri, punt 8, u l-Qorti EDB, 25 ta' Ġunju 1996, Amuur vs Franza, CE:ECHR:1996:0625JUD001977692, punt 43.

44 Ara l-Artikolu 8(1) tad-Direttiva dwar il-"proċeduri".

45 Il-Gvern Litwan argumenta wkoll li ċittadin ta' pajjiż terz li daħal illegalment fit-territorju Litwan jista' wkoll, skont is-sentenza Ministerio Fiscal, jagħmel applikazzjoni għall-ażil lill-qorti adita bid-detenzjoni tiegħu. Jekk ikun il-każ, l-applikazzjoni għandha tintbagħat lill-awtorità kompetenti għar-reġistrazzjoni, u l-applikant ikollu mbagħad possibbiltà konkreta li jippreżentaha u li tkun eżaminata. Barra minn hekk, dan huwa dak li ġara fil-kawża prinċipali (ara l-punt 50 ta' dawn il-konklużjonijiet). Bi tweġiba għall-mistoqsijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja, dan il-gvern spjega li dan huwa mezz li bih jintalab l-ażil li, minkejja li mhux previst fl-Artikolu 140[12] tal-Liġi dwar il-Barranin, lanqas ma huwa pprojbit mill-istess artikolu. Madankollu, minbarra l-fatt li l-qorti tar-rinviju ma tatx l-istess interpretazzjoni tal-imsemmi artikolu, ser nosserva sempliċement li Stat Membru ma jiżgurax aċċess effettiv, faċli u rapidu għall-proċedura tal-għoti tal-protezzjoni internazzjonali meta ċerti ċittadini jkunu obbligati jmorru quddiem qorti sabiex jitolbu tali protezzjoni.

46 Ara l-Artikolu 6(5) tad-Direttiva dwar il-"proċeduri", li jawtorizza l-estensjoni ta' dan iż-żmien sa 10 ijiem.

47 Ara l-Artikolu 31(3)(b) tad-Direttiva dwar il-"proċeduri" li jippermetti, f'dawn iċ-ċirkustanzi, l-estensjoni tas-sitt xhur normalment applikabbli għal tul li ma jistax jeċċedi disa' xhur supplimentari.

## C. Fuq ir-raġunijiet ta' detenzjoni tal-applikanti għall-ażil, kif previsti fid-Direttiva dwar l-"akkoljenza" (l-ewwel parti tat-tieni domanda)

82. Mill-analiżi preċedenti jirriżulta li ċittadin ta' pajjiż terz, bħal MA, għandu, sa mill-mument li fih "għamel" applikazzjoni għall-ażil quddiem awtorità bħall-VSAT jew il-qorti tal-ewwel istanza, u sakemm tingħata deċiżjoni definittiva dwar din l-applikazzjoni, jitqies bħala "applikant", fis-sens tad-Direttivi dwar il-"proċeduri" u l-"akkoljenza". B'mod partikolari, dan jimplika li ma jistax jitqiegħed jew jinżamm f'detenzjoni ħlief b'konformità mar-regoli previsti, fil-qasam, minn dawn id-direttivi.

83. Issa ser tiġi eżaminata l-ewwel parti tat-tieni domanda u ser jiġi ddeterminat jekk dispożizzjoni nazzjonali, bħall-Artikolu 140[17](2) tal-Liġi dwar il-Barranin, li jippermetti li applikant għall-ażil jitqiegħed f'detenzjoni għall-unika raġuni li qasam illegalment il-fruntiera nazzjonali, hijiex kompatibbli mal-imsemmija direttivi (Taqsima 2). Madankollu, qabel dan, fil-fehma tiegħi, għandha ssir kjarifika dwar il-kunċett ta' "detenzjoni" (Taqsima 1).

### *1. Fuq il-kunċett ta' "detenzjoni"*

84. Fil-fehma tiegħi, il-qorti tar-rinviju għamlet it-tieni domanda tagħha sempliċement għall-finijiet tal-evalwazzjoni tal-legalità u tal-fondatezza tal-miżura ta' detenzjoni imposta fuq MA mill-qorti tal-ewwel istanza fid-deċiżjoni tagħha tal-20 ta' Novembru 2021.

85. Għalhekk, MA sostna, quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, li l-miżura ta' sostituzzjoni imposta fuqu mit-2 ta' Frar 2022, jiġifieri l-"akkomodazzjoni f'ċentru tal-VSAT […], b'restrizzjoni tal-libertà ta' moviment tiegħu għat-territorju tal-post ta' akkomodazzjoni", minkejja li fid-dritt Litwan din titqies bħala alternattiva għad-detenzjoni[48], fir-realtà tikkostitwixxi detenzjoni *de facto*.

86. Jekk dan huwa effettivament il-każ, din it-tieni miżura jkollha, fil-fehma tiegħi, tiġi evalwata wkoll fid-dawl tar-regoli fil-qasam tad-detenzjoni previsti fid-Direttivi dwar il-"proċeduri" u dwar l-"akkoljenza". Fil-fatt, il-kamp ta' applikazzjoni ta' dawn ir-regoli jiddependi mhux fuq il-klassifikazzjoni mogħtija, fid-dritt nazzjonali, lil ċerta miżura, iżda mill-fatt jekk hijiex issodisfatta d-definizzjoni awtonoma ta' "detenzjoni", li tinsab fl-Artikolu 2(h) tat-tieni direttiva.

87. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet, fid-dawl ta' din id-definizzjoni, li tikkostitwixxi tali "detenzjoni" kull miżura koerċittiva "li ċċaħħad [lill-]applikant mil-libertà ta' moviment tiegħu u tiżolah mill-kumplament tal-popolazzjoni, billi timponi fuqu li jibqa' b'mod permanenti f'perimetru ristrett u magħluq"[49]. F'dan il-każ, hija l-qorti tar-rinviju li għandha tivverifika jekk il-miżura ta' "akkomodazzjoni f'ċentru tal-VSAT […]" tissodisfax dawn il-kriterji.

88. Madankollu, inqis li huwa utli li jingħataw kjarifiki li jistgħu jgħinuha f'dan ir-rigward. Essenzjalment, mill-ispjegazzjonijiet mogħtija minn din il-qorti donnu jirriżulta li t-"territorju" li fih il-persuna kkonċernata tkun marbuta tibqa' b'mod permanenti huwa limitat għall-perimetru taċ-ċentru ta' akkomodazzjoni, li minnu ma għandhiex dritt toħroġ mingħajr awtorizzazzjoni – dak li mill-bqija ikkonferma l-Gvern Litwan waqt is-seduta quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja. Għalhekk, dan il-perimetru jidher "ristrett u magħluq". Barra minn hekk, MA jidher "iżolat mill-bqija tal-popolazzjoni", peress li għandu possibbiltà limitata ħafna li jżomm kuntatt

48 Ara, f'dan ir-rigward, l-Artikolu 8(4) tad-Direttiva dwar l-"akkoljenza".

49 Sentenza tal-14 ta' Mejju 2020, *Országos Idegenrendészeti Főigazgatóság Dél-alföldi Regionális Igazgatóság* (C-924/19 PPU u C-925/19 PPU, EU:C:2020:367, punt 223).

mad-dinja esterna. Għalhekk, mingħajr preġudizzju għall-verifika mill-imsemmija qorti, il-miżura inkwistjoni donna ċċaħħad lil dan tal-aħħar mil-libertà ta' moviment tiegħu u għalhekk, tikkostitwixxi "detenzjoni" fis-sens tad-Direttivi dwar il-"proċeduri" u dwar l-"akkoljenza"[50].

## *2. Fuq il-legalità tal-miżura/miżuri ta' detenzjoni inkwistjoni*

89. Wara li saret din il-kjarifika, għandu jitfakkar li d-Direttivi dwar il-"proċeduri" u dwar l-"akkoljenza" jillimitaw il-possibbiltà, tal-awtoritajiet nazzjonali, li jqiegħdu lil applikant għall-ażil f'detenzjoni. F'dan ir-rigward, mill-Artikolu 26(1) tal-ewwel direttiva jirriżulta li r-raġunijiet u l-kundizzjonijiet ta' tali miżura għandhom ikunu konformi, b'mod partikolari, mal-Artikolu 8 tat-tieni.

90. Dan l-Artikolu 8 jenfasizza, fil-paragrafu 2 tiegħu, li d-detenzjoni ta' applikanti għall-ażil għandha tikkostitwixxi mhux ir-regola, iżda eċċezzjoni. Fil-fatt, skont din id-dispożizzjoni, tali applikant ma jistax jitqiegħed f'detenzjoni ħlief meta, wara evalwazzjoni każ b'każ, dan jirriżulta neċessarju u jekk miżuri oħra inqas koerċittivi ma jistgħux jiġu applikati b'mod effettiv. Barra minn hekk, l-imsemmi artikolu jelenka, fil-paragrafu 3 tiegħu, b'mod eżawrjenti[51], ir-raġunijiet differenti li jistgħu jiġġustifikaw miżura simili.

91. Madankollu, ir-raġuni ta' tqegħid f'detenzjoni prevista fl-Artikolu $140^{17}$(2) tal-Liġi dwar il-Barranin, jiġifieri l-qsim illegali tal-fruntiera, sempliċement ma tinstabx, *bħala tali*, fl-Artikolu 8(3) tad-Direttiva dwar l-"akkoljenza". Għall-kuntrarju ta' dak li jsostni l-Gvern Litwan, din ir-raġuni lanqas hija konformi, *essenzjalment*, ma' waħda minn dawk elenkati f'din id-dispożizzjoni.

92. F'dan ir-rigward, fl-osservazzjonijiet bil-miktub tiegħu, dan il-gvern argumenta, essenzjalment, li r-raġuni prevista fl-Artikolu $140^{17}$(2) tal-Liġi dwar il-Barranin hija konformi ma' dik li tinsab fl-Artikolu 8(3)(e) tad-Direttiva dwar l-"akkoljenza". Infakkar li skont dan il-punt, applikant għal protezzjoni internazzjonali jista' jitqiegħed f'detenzjoni "meta l-protezzjoni tas-sigurtà nazzjonali jew l-ordni pubblika jeħtieġu hekk". Issa, il-possibbiltà li applikant jitqiegħed f'detenzjoni meta jaqsam illegalment il-fruntiera nazzjonali tissodisfa, skont l-imsemmi gvern, ir-rekwiżiti tas-sigurtà nazzjonali. Fil-fatt, din hija waħda mill-miżuri meħuda mir-Repubblika tal-Litwanja sabiex tipproteġi l-fruntiera li taqsam mal-Bjelorussja u, b'mod iktar preċiż, sabiex twaqqaf il-qsim illegali tagħha mill-migranti, fil-kuntest ta' "fluss massiv" li dan l-Istat Membru qed jaffaċċja attwalment, u għalhekk, sabiex tiżgura s-sigurtà interna fit-territorju tagħha u fiż-żona Schengen kollha.

93. Fil-fehma tiegħi, il-fatt li persuna tagħmel parti minn fluss ta' migranti li Stat Membru jfittex li jrażżan sabiex jiżgura s-sigurtà interna – mifhum f'sens wiesa' ta' "pulizija" – fit-territorju tiegħu[52] ma jistax jiġġustifika t-tqegħid tagħha f'detenzjoni abbażi tar-raġuni prevista fl-Artikolu 8(3)(e) tad-Direttiva dwar l-"akkoljenza".

[50] Ara b'analoġija, is-sentenza tal-14 ta' Mejju 2020, Országos Idegenrendészeti Főigazgatóság Dél-alföldi Regionális Igazgatóság (C-924/19 PPU u C-925/19 PPU, EU:C:2020:367, punti 226 u 227). MA sostna wkoll li l-kundizzjonijiet tal-ħajja fiċ-ċentru tal-VSAT inkwistjoni huma tali li huma ekwivalenti għal trattament inuman jew degradanti, ipprojbit, b'mod partikolari, mill-Artikolu 4 tal-Karta u mill-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali, iffirmata f'Ruma fl-4 ta' Novembru 1950 (iktar 'il quddiem il-"KEDB"). Hawnhekk ukoll, hija l-qorti tar-rinviju li għandha tivverifika, fid-dawl tal-ġurisprudenza rilevanti [ara, b'mod partikolari, is-sentenza tal-25 ta' Lulju 2018, Generalstaatsanwaltschaft (Kundizzjonijiet ta' detenzjoni fl-Ungerija) (C-220/18 PPU, EU:C:2018:589)].

[51] Ara, b'mod partikolari, is-sentenza Ministerio Fiscal (punt 104 u l-ġurisprudenza ċċitata).

[52] Ara, għal dan il-ħsieb, il-punti 100 *et seq.* ta' dawn il-konklużjonijiet.

94. Fil-fatt, skont ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, theddida għas-"sigurtà nazzjonali" jew għall-"ordni pubbliku" fis-sens ta' din id-dispożizzjoni jista' jiġġustifika, fid-dawl tar-rekwiżit ta' neċessità, id-detenzjoni ta' applikant abbażi tagħha biss bil-kundizzjoni li "l-aġir individwali tiegħu jirrappreżenta theddida reali, attwali u suffiċjentement serja, li taffettwa interess fundamentali tas-soċjetà jew is-sigurtà interna […] tal-Istat Membru kkonċernat" – pereżempju, għaliex din il-persuna tkun kriminal perikoluż. F'dan il-każ, id-detenzjoni tal-applikant "tipproteġi lill-pubbliku mill-periklu li jista' jikkostitwixxi l-aġir [tiegħu]" [53].

95. Għalhekk, id-detenzjoni skont dan l-istess Artikolu 8(3)(e) timplika evalwazzjoni tal-periklu tal-persuna kkonċernata, billi jittieħdu inkunsiderazzjoni fatturi oħra minbarra l-eventwali qsim illegali tal-fruntiera – peress li tali ksur ma huwiex, fih innifsu, ta' natura li jikkaratterizza theddida bħal dik prevista fil-punt preċedenti [54]. F'dan il-kuntest, l-awtoritajiet nazzjonali lanqas jistgħu *jippreżupponu* li kull individwu li jidħol illegalment fit-territorju huwa perikoluż. [55]. Għall-kuntrarju, qabel l-adozzjoni ta' tali miżura fir-rigward ta' applikant, għandu jkollhom elementi konkordanti, oġġettivi u preċiżi li jistabbilixxu dan il-periklu [56].

96. Mill-bqija, il-Gvern Litwan ammetta, waqt is-seduta quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, li dan l-Artikolu 8(3)(e) jkopri biss il-każ partikolari li għadni kif iddeskrivejt u li l-Artikolu 140[17](2) tal-Liġi dwar il-Barranin, fir-realtà, imur lil hinn minn dak li tippermetti din id-dispożizzjoni [57] – jew id-Direttiva dwar l-"akkoljenza" b'mod ġenerali. Min-naħa l-oħra, f'din l-okkażjoni, huwa pprova jiġġustifika din l-estensjoni bil-fatt li possibbiltà ta' detenzjoni limitata biss għal dan il-każ ma hijiex suffiċjenti sabiex jiġi indirizzat b'mod effettiv il-"fluss massiv" li huwa qed jaffaċċja. Ser nindirizza dan l-aspett fit-taqsima D ta' dawn il-konklużjonijiet.

### *3. Konklużjoni intermedjarja*

97. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, nissuġġerixxi lill-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi għall-ewwel parti tat-tieni domanda fis-sens li dispożizzjoni nazzjonali li tippermetti d-detenzjoni ta' applikant għal protezzjoni internazzjonali għall-unika raġuni li huwa qasam illegalment il-fruntiera tal-Istat Membru kkonċernat ma hijiex kompatibbli mal-Artikolu 8(3) tad-Direttiva dwar l-"akkoljenza".

## D. Fuq il-possibbiltà ta' deroga mid-Direttiva dwar il-"proċeduri" u dwar l-"akkoljenza" (it-tieni parti taż-żewġ domandi)

98. Fit-taqsimiet preċedenti esponejt ir-raġunijiet għalfejn, fil-fehma tiegħi, dispożizzjonijiet bħall-Artikolu 140[12] u l-Artikolu 140[17](2) tal-Liġi dwar il-Barranin ma humiex kompatibbli mad-Direttivi dwar il-"proċeduri" u dwar l-"akkoljenza". Għalhekk, għad trid tiġi eżaminata t-tieni parti tad-domandi preliminari, dwar jekk Stat Membru għandux ikun awtorizzat jidderoga

53 Sentenza tal-15 ta' Frar 2016, N. (C-601/15 PPU, EU:C:2016:84, punti 55 u 67).

54 Ara b'analoġija, is-sentenza tal-11 ta' Ġunju 2015, Zh. u O. (C-554/13, EU:C:2015:377, punti 49, 50, 57 u 61). L-istess japplika, *a fortiori*, meta l-persuna kkonċernata tkun daħlet illegalment fl-Istat Membru ta' akkoljenza għall-finijiet ta' tranżitu lejn Stat ieħor (ara l-punt 63 ta' din is-sentenza).

55 Ara, b'analoġija, is-sentenza tal-11 ta' Ġunju 2015, Zh. u O. (C-554/13, EU:C:2015:377, punt 50).

56 Ara f'dan is-sens, is-sentenza tas-17 ta' Diċembru 2020, Il-Kummissjoni vs L-Ungerija (Akkoljenza ta' applikanti għal protezzjoni internazzjonali) (C-808/18, EU:C:2020:1029, punt 172).

57 Dan huwa kkonfermat mill-fatt li l-imsemmija dispożizzjoni hija, fid-dritt Litwan, diġà riflessa fl-Artikolu 113(4)(5) tal-Liġi dwar il-Barranin.

minn dawn id-direttivi, billi jimplimenta dispożizzjonijiet simili, għall-finijiet tas-salvagwardja tal-ordni pubbliku u tas-sigurtà interna f' "ċirkustanzi eċċezzjonali" bħal dawk inkwistjoni fil-kawża prinċipali.

99. Ser nibda billi nfakkar il-kuntest li taqa' fih din il-kawża (Taqsima 1), qabel ma nittratta l-kwistjoni tad-dispożizzjonijiet tat-Trattat FUE li teoretikament jistgħu jawtorizzaw lil Stat Membru jidderoga mid-dritt tal-Unjoni għal raġunijiet ta' ordni pubbliku u ta' sigurtà interna (Taqsima 2), u mbagħad il-kundizzjonijiet li jillimitaw tali possibbiltà ta' deroga (Taqsima 3).

### *1. Fuq iċ-"ċirkustanza eċċezzjonali" inkwistjoni*

100. Kif indikajt fl-introduzzjoni ta' dawn il-konklużjonijiet, l-Istati għandhom, fl-ordinament legali internazzjonali, id-"dritt inaljenabbli" li jikkontrollaw b'mod sovran id-dħul u r-residenza ta' barranin fit-territorju tagħhom[58]. Barra minn hekk, l-Istati Membri li l-fruntieri tagħhom jikkoinċidu, parzjalment, mal-fruntieri esterni taż-żona Schengen, bħal-Litwanja, għandhom, fid-dritt tal-Unjoni, obbligi f'dan ir-rigward. Dawn l-Istati għandhom, skont il-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen, "jipproteġu" l-fruntieri inkwistjoni. Għandhom jeżerċitaw kontrolli u jissorveljaw dawn l-istess fruntieri[59] u jieħdu miżuri oħra intiżi għall-ġlieda kontra l-qsim irregolari tagħhom[60].

101. Kif tindika l-premessa 6 tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen, il-kontroll fil-fruntieri esterni ta' din iż-żona jeżisti fl-interess tal-Istati Membri kollha li neħħew il-kontrolli mill-fruntieri interni tagħhom. Dan jikkontribwixxi b'mod partikolari għall-ġlieda kontra l-immigrazzjoni illegali kif ukoll għall-prevenzjoni ta' kull theddida oħra għas-sigurtà interna u l-ordni pubbliku fl-imsemmija żona.

102. Fil-fehma tiegħi, minn dan jirriżulta li l-protezzjoni tal-fruntieri esterni tal-Unjoni mill-Istati Membri kkonċernati taqa' taħt ir-responsabbiltajiet li għandhom li jżommu l-ordni pubbliku u s-salvagwardja tas-sigurtà interna mhux biss fit-territorju tagħhom, iżda wkoll fiż-żona Schengen kollha.

103. F'din il-perspettiva, kif argumenta l-Gvern Litwan quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, il-"fluss massiv" ta' migranti li taffaċċja l-Litwanja fil-fruntiera tagħha mal-Bjelorussja jikkostitwixxi mingħajr dubju sitwazzjoni kritika. Dan il-"fluss" wassal għal żieda drastika ta' każijiet ta' qsim illegali tal-fruntiera Litwana[61]. Il-kuntest ġeopolitiku li taqa' fiha din is-sitwazzjoni ma għandux jintesa. Fil-fatt, l-istituzzjonijiet tal-Unjoni, inkluż il-Parlament Ewropew, il-Kunsill Ewropew u l-Kummissjoni[62], ikkonstataw li dan il-"fluss massiv" kien orkestrat mill-Gvern Bjelorussu. Dan wassal ċittadini ta' pajjiżi terzi bl-ajru mill-pajjiżi ta' oriġini tagħhom, li mbagħad ħalla fil-fruntieri esterni tal-Istati Membri. Dawn l-istituzzjonijiet differenti kklassifikaw l-aġir inkwistjoni bħala "strumentalizzazzjoni ta' migranti għall-finijiet politiċi", jew forma ta' "attakk ibridu" intiż sabiex jiddestabilizza lill-Istati Membri direttament ikkonċernati u lill-Unjoni kollha.

58 Ara, b'mod partikolari, il-Qorti EDB, 29 ta' Jannar 2008, Saadi vs Ir-Renju Unit, CE:ECHR:2008:0129JUD001322903, punt 64.

59 Ara, b'mod partikolari, l-Artikoli 8 u 13 tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen.

60 Ara, b'mod partikolari, l-Artikolu 5(3) tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen.

61 Il-Gvern Litwan indika li, bejn l-1 ta' Lulju 2021 u l-10 ta' Marzu 2022, 3 695 ċittadin ta' pajjiżi terzi kien qasam illegalment il-fruntieri tal-Litwanja.

62 Ara, rispettivament, ir-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew, tas-7 ta' Ottubru 2021 dwar is-sitwazzjoni fil-Bjelorussja wara sena ta' protesti mrażżna b'mod vjolenti (2021/2881(RSP)), punt 16; Kunsill Ewropew, Konklużjonijiet tal-laqgħa tal-21 u tat-22 ta' Ottubru 2021 (EUCO 17/21), punt 19, u Konklużjonijiet tal-laqgħa tas-16 ta' Diċembru 2021 (EUCO 22/21), punti 18 u 21; *2021 State of the Union Address by President von der Leyen*, Strasbourg, 15 ta' Settembru 2021.

104. Mhux ser inkun jien li nevalwa mill-ġdid dawn l-evalwazzjonijiet ta' natura politika. Ser nosserva sempliċement li l-Litwanja setgħet leġittimament tqis li kienet qed taffaċċja theddida "eċċezzjonali" għall-ordni pubbliku u għas-sigurtà interna fit-territorju tagħha u fiż-żona Schengen kollha.

105. Għalhekk, l-awtoritajiet Litwani setgħu jqisu li kien neċessarju li jsaħħu l-protezzjoni tal-fruntieri esterni tal-Unjoni, permezz ta' miżuri straordinarji u provviżorji intiżi sabiex irażżnu dawn il-flussi migratorji "massivi"[63].

106. Wara kollox, dawn l-istituzzjonijiet tal-Unjoni donnhom jaqblu mal-evalwazzjoni ta' dawn l-awtoritajiet dwar in-neċessità ta' tali miżuri straordinarji u temporanji. Fil-fatt, fl-1 ta' Diċembru 2021, il-Kummissjoni ppreżentat, abbażi tal-Artikolu 78(3) TFUE, proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill dwar miżuri proviżorji ta' emerġenza favur il-Latvja, il-Litwanja u l-Polonja[64], miżuri meqjusa "neċessarji" sabiex jilqgħu għal "theddida reali [...] għas-sigurtà tal-Unjoni" li tikkostitwixxi "attakk ibridu" subit b'mod partikolari mil-Litwanja[65], u li ser nirritorna fuqha. Barra minn hekk, fl-14 ta' Diċembru 2021, il-Kummissjoni ppreżentat proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill intiż sabiex jittratta s-sitwazzjonijiet ta' strumentalizzazzjoni fil-qasam tal-migrazzjoni u tal-ażil[66], li jistituzzjonalizza l-parti l-kbira tal-miżuri li jinsabu fil-proposta preċedenti[67]. Madankollu, dawn il-proposti leġiżlattivi għadhom ma ġewx adottati.

### *2. Fuq id-dispożizzjonijiet li jippermettu deroga mid-dritt tal-Unjoni, għal raġunijiet tal-ordni pubbliku u tas-sigurtà interna*

107. F'dan il-kuntest, meta Stat Membru jadotta għalhekk miżuri straordinarji u temporanji bil-għan leġittimu li jissalvagwardja l-ordni pubbliku u s-sigurtà interna f' "ċirkustanzi eċċezzjonali", dawn il-miżuri ma jaħarbux minn kull kuntest legali. Meta dawn jaffettwaw l-applikazzjoni normali tad-dritt tal-Unjoni, tali miżuri ma jkunux kompatibbli ma' dan id-dritt ħlief sa fejn jawtorizza tali deroga[68].

108. F'dan ir-rigward, it-Trattat FUE jipprovdi, fl-Artikoli 36, 45, 52, 65, 72, 346 u 347 tiegħu, derogi espressi applikabbli f'każ ta' sitwazzjonijiet li jistgħu jpoġġu indiskussjoni l-ordni pubbliku jew is-sigurtà interna, inkluż f'każ ta' "ċirkustanzi eċċezzjonali".

109. B'mod kurjuż, f'din il-kawża, il-Gvern Litwan ma rrefera għal ebda wieħed minn dawn l-artikoli sabiex isostni l-pożizzjoni tiegħu. Għalhekk, fid-dawl tal-kontenut tal-argumenti mressqa minn dan il-gvern, u meqjusa d-diskussjonijiet li nżammu quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, fil-fehma tiegħi, għandhom jiġu eżaminati żewġ derogi.

63 Ara l-punt 92 ta' dawn il-konklużjonijiet.

64 COM(2021)752 final (iktar 'il quddiem il-"proposta ta' deċiżjoni tal-Kunsill").

65 Proposta ta' deċiżjoni tal-Kunsill, espożizzjoni tal-motivi, p. 1.

66 COM(2021)890 finali.

67 Il-Kummissjoni ppreżentat ukoll, fl-istess jum, proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda il-[Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen] [COM(2021) 891 final], intiż b'mod partikolari sabiex jippermetti lill-Istati Membri jaġixxu malajr f'każ ta' "strumentalizzazzjoni ta' migranti". Essenzjalment, din il-proposta tipprovdi li, f'tali każ, l-Istati Membri jistgħu jillimitaw in-numru ta' punti ta' qsim tal-fruntieri u jintensifikaw is-sorveljanza tal-fruntieri.

68 Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-17 ta' Diċembru 2020, Il-Kummissjoni vs L-Ungerija (Akkoljenza ta' applikanti għal protezzjoni internazzjonali) (C-808/18, EU:C:2020:1029, punt 214 u l-ġurisprudenza ċċitata).

110. *Fl-ewwel lok*, ser ninvoka fil-qosor l-Artikolu 347 TFUE, dwar il-miżuri li Stat Membru jista' jkollu jieħu b'mod partikolari f'każ ta' "disturb serju intern li jolqot l-ordni pubbliku" u f'każ ta' "gwerra jew tensjoni internazzjonali serja li tikkostitwixxi theddida ta' gwerra".

111. Sal-lum, il-Qorti tal-Ġustizzja għadha qatt ma ddeċidiet dwar il-kundizzjonijiet ta' applikazzjoni ta' din il-"klawżola ta' salvagwardja". Hija ppreċiżat biss li din id-deroga tirrigwarda sitwazzjonijiet "pjuttost eċċezzjonali"[69]. Madankollu, avukati ġenerali differenti daħlu f'iktar dettall dwar l-isfumaturi tagħha.

112. Mill-analiżi tagħhom jirriżulta li l-Artikolu 347, imqiegħed fl-aħħar tat-Trattat FUE, jippermetti, fit-teorija, deroga mir-regoli kollha ta' dan it-trattat u minn dawk adottati abbażi tiegħu[70]. Kif sostna l-Gvern Litwan waqt is-seduta – nirrepeti, mingħajr madankollu ma għamel referenza espressa għal dan l-artikolu –, fil-każijiet previsti minn dan l-artikolu, Stat Membru jista' għalhekk, teoretikament, jinjora, fuq din il-bażi, u sa ċertu punt, id-Direttivi dwar il-"proċeduri" u dwar l-"akkoljenza"[71].

113. Għalhekk, iċ-ċirkustanzi estremi msemmija fl-Artikolu 347 TFUE ma humiex inkwistjoni f'dan il-każ. B'mod partikolari, mingħajr ma rrid innaqqas il-gravità tas-sitwazzjoni li qed taffaċċja l-Litwanja fil-fruntiera tagħha, tali sitwazzjoni ma taqax, fil-fehma tiegħi, taħt "disturb serju intern li jolqot l-ordni pubbliku" msemmi f'dan l-artikolu. Il-fatt li dan l-Istat Membru ddikjara l-istat ta' emerġenza fuq parti mit-territorju tiegħu ma huwiex, fih innifsu, deċiżiv f'dan ir-rigward – inkella l-applikazzjoni tal-imsemmi artikolu tvarja skont il-kundizzjonijiet previsti fid-dritt nazzjonali ta' kull Stat Membru għall-implimentazzjoni ta' tali sistema. Fil-fehma tiegħi, peress li kull deroga għandha tkun is-suġġett ta' interpretazzjoni stretta[72], u peress li l-Artikolu 347 TFUE jqiegħed fuq l-istess livell il-każ ta' "disturbi interni" u l-gwerra, iċ-ċirkustanzi inkwistjoni għandhom jippreżentaw livell simili ta' gravità, jiġifieri, jikkostitwixxu kriżijiet reali, qrib kollass sħiħ tas-sigurtà interna, u li s-sorveljanza tagħhom tpoġġi f'periklu serju l-eżistenza stess tal-Istat[73].

114. *Fit-tieni lok*, ser ngħaddi għall-Artikolu 72 TFUE, li jidher iktar rilevanti. Skont dan l-artikolu, id-dispożizzjonijiet li jinsabu fit-Titolu V tat-Tielet Parti tat-Trattat FUE, dwar l-ispazju ta' sigurtà, libertà u ġustizzja, "m'għandux jolqot l-eżerċizzju tar-responsabbiltajiet ta' l-Istati Membri rigward iż-żamma ta' l-ordni pubbliku u s-salvagwardja tas-sigurtà interna". F'dan il-każ, id-Direttivi dwar il-"proċeduri" u dwar l-"akkoljenza" jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan l-artikolu, peress li ġew adottati abbażi tal-Artikolu 78 TFUE li jaqa' taħt dan it-Titolu V.

115. Din id-darba, dwar dan l-Artikolu 72, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet f'diversi sentenzi. Hija stabbilixxiet il-prinċipju li jgħid li l-imsemmi artikolu jikkostitwixxi deroga li tista' tippermetti lil Stat Membru jeskludi, f'ċerti ċirkustanzi, obbligi imposti fuqu minn tali direttivi – filwaqt li sal-lum ċaħdet, sistematikament, l-eċċezzjonijiet tad-difiża mressqa mill-Istati Membri f'dan is-sens, minħabba nuqqas ta' dawn tal-aħħar li jkunu ssodisfaw il-kundizzjonijiet meħtieġa fil-qasam. Ser nindirizza dawn il-kundizzjonijiet fit-taqsima segwenti.

69 Ara s-sentenza tal-15 ta' Mejju 1986, Johnston (222/84, EU:C:1986:206, punt 27).

70 Ara l-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Darmon fil-kawża Johnston (222/84, mhux ippubblikati, EU:C:1986:44, punt 5), u l-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Jacobs fil-kawża Il-Kummissjoni vs Il-Greċja (C-120/94, EU:C:1995:109, punt 46).

71 Madankollu, anki f'dawn il-każijiet, jiġu imposti limiti, fir-rigward ta' drittijiet fundamentali li ma tistax issir deroga minnhom (ara l-punti 138 u 139 ta' dawn il-konklużjonijiet).

72 Ara, b'mod partikolari, is-sentenza tas-17 ta' Diċembru 2020, Il-Kummissjoni vs L-Ungerija (Akkoljenza ta' applikanti għal protezzjoni internazzjonali) (C-808/18, EU:C:2020:1029, punt 215).

73 Ara l-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Jacobs fil-kawża Il-Kummissjoni vs Il-Greċja (C-120/94, EU:C:1995:109, punt 47), u l-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali La Pergola fil-kawża Sirdar (C-273/97, EU:C:1999:246, punt 21).

### *3. Fuq il-kundizzjonijiet li l-Istati Membri għandhom josservaw sabiex tali deroga tkun kompatibbli mal-Artikolu 72 TFUE*

116. Peress li l-Artikolu 72 TFUE għandu jkun is-suġġett, bħal kull deroga, ta' interpretazzjoni stretta, il-Qorti tal-Ġustizzja rrepetiet diversi drabi li dan ma jagħtix lill-Istati Membri s-setgħa li jidderogaw mid-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni permezz tas-sempliċi invokazzjoni tar-responsabbiltajiet tagħhom għaż-żamma tal-ordni pubbliku u għas-salvagwardja tas-sigurtà interna [74]. Għall-kuntrarju, għandhom jissodisfaw ċerti kundizzjonijiet.

117. *Qabel kollox*, skont il-Qorti tal-Ġustizzja, huwa l-Istat Membru li jinvoka l-benefiċċju tal-Artikolu 72 TFUE li għandu jipprova l-ħtieġa li jirrikorri għad-deroga prevista f'dan l-artikolu għall-finijiet tal-eżerċizzju tar-responsabbiltajiet inkwistjoni [75].

118. *Imbagħad*, ma' dan ir-rekwiżit ta' neċessità tiżdied, fil-fehma tiegħi, kundizzjoni ta' proporzjonalità *stricto sensu*. Fil-fatt, il-miżuri nazzjonali kontenzjużi, anki jekk ikunu meħtieġa, ma jistgħux, fil-fehma tiegħi, ikunu ġġustifikati skont l-Artikolu 72 TFUE jekk l-inkonvenjenti li jikkawżaw kienu sproporzjonati meta mqabbla mal-għanijiet imfittxija [76]. F'dan il-kuntest, għandu jittieħed inkunsiderazzjoni, b'mod partikolari, l-effett tal-miżuri msemmija fuq id-drittijiet fundamentali li tagħhom il-Qorti tal-Ġustizzja tiżgura l-osservanza, b'mod partikolari dawk previsti mill-Karta [77].

119. *Fl-aħħar nett*, dawn il-kundizzjonijiet materjali huma, fil-fehma tiegħi, ikkompletati minn kundizzjoni proċedurali. Fid-dawl tal-prinċipju ta' kooperazzjoni leali previst fl-Artikolu 4(3) TUE, Stat Membru ma jistax jadotta unilateralment miżuri derogatorji, eċċezzjonali u temporanji, mingħajr ma jikkonsulta debitament, minn qabel, lill-istituzzjonijiet tal-Unjoni kif ukoll lill-Istati Membri l-oħra, u jfittex soluzzjoni komuni għall-problema [78]. Jekk ikun il-każ, jekk, u sa mill-mument li fih, l-Unjoni tadotta hija stess tali miżuri komuni, abbażi tal-Artikolu 78(3) TFUE, fil-fehma tiegħi, kull possibbiltà ta' deroga fir-rigward tal-Artikolu 72 TFUE tkun, minħabba f'hekk, eskluża.

120. F'dan il-każ, jidhirli li r-Repubblika tal-Litwanja ssodisfat din il-kundizzjoni proċedurali [79], u sa issa tali miżuri komuni ma ġewx adottati. Min-naħa l-oħra, fil-fehma tiegħi, dispożizzjonijiet bħall-Artikolu $140^{12}$ u l-Artikolu $140^{17}$(2) tal-Liġi dwar il-Barranin ma jissodisfaw ebda waħda miż-żewġ kundizzjonijiet materjali elenkati iktar 'il fuq, kif ser nispjega fit-taqsimiet segwenti.

### *a) Fuq ir-rekwiżit ta' neċessità*

121. Sabiex jiġi evalwat jekk huwiex neċessarju, għal Stat Membru, li jidderoga minn strument tad-dritt tal-Unjoni sabiex jeżerċita r-responsabbiltajiet tiegħu fil-qasam tal-ordni pubbliku u tas-sigurtà interna f'każ partikolari, il-Qorti tal-Ġustizzja mhux biss għandha tiffoka fuq

74 Ara, b'mod partikolari, is-sentenza tas-17 ta' Diċembru 2020, Il-Kummissjoni vs L-Ungerija (Akkoljenza ta' applikanti għal protezzjoni internazzjonali) (C-808/18, EU:C:2020:1029, punt 215).

75 Ara, b'mod partikolari, is-sentenza tas-17 ta' Diċembru 2020, Il-Kummissjoni vs L-Ungerija (Akkoljenza ta' applikanti għal protezzjoni internazzjonali) (C-808/18, EU:C:2020:1029, punt 216).

76 Ara, b'analoġija, is-sentenza tas-17 ta' Diċembru 2020, Centraal Israëlitisch Consistorie van België *et* (C-336/19, EU:C:2020:1031, punt 64).

77 Ara, b'analoġija, is-sentenza tal-21 ta' Mejju 2019, Il-Kummissjoni vs L-Ungerija (Użufrutt fuq art agrikola) (C-235/17, EU:C:2019:432, punt 64 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

78 Nosserva li tali proċedura hija prevista, b'mod espliċitu, fl-Artikoli 347 u 348 TFUE, f'każ ta' implimentazzjoni tal-ewwel dispożizzjoni.

79 Dwar dan il-punt, nosserva li r-Repubblika tal-Litwanja kkonsultat lill-imsieħba Ewropej tagħha u stiednet lill-Kummissjoni tipproponi miżuri provviżorji abbażi tal-Artikolu 78(3) TFUE (ara l-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill, memorandum ta' spjega).

iċ-"ċirkustanzi eċċezzjonali" inkwistjoni, iżda għandha tivverifika wkoll jekk il-leġiżlatur tal-Unjoni pprevediex, fl-istrument inkwistjoni, mekkaniżmi li jippermettu lill-Istati Membri jindirizzawhom b'mod effikaċi [80].

122. Sabiex jiġi ssodisfat dan ir-rekwiżit ta' neċessità, l-Istat Membru li jinvoka l-benefiċċju tal-Artikolu 72 TFUE għandu juri li l-istrument tad-dritt tal-Unjoni inkwistjoni ma jippermettilux, fid-dawl jew tal-*portata* tiegħu *stess*, jew tal-*kundizzjonijiet konkreti tal-implimentazzjoni tiegħu*, li jiżgura l-eżerċizzju tar-responsabbiltajiet inkwistjoni fil-konfront taċ-ċirkustanzi inkwistjoni [81].

123. F'dan il-każ, il-Gvern Litwan isostni, essenzjalment, li l-osservanza stretta tar-regoli tad-Direttivi dwar il-"proċeduri" u l-"akkoljenza" ma tippermettilux li jiżgura l-eżerċizzju effettiv ta' dawn ir-responsabbiltajiet fil-kuntest tal-kontroll tal-fruntieri esterni tal-Unjoni, f'każ ta' "fluss massiv" bħal dak inkwistjoni fil-kawża prinċipali. Essenzjalment, l-argument ta' dan il-gvern jirreferi għat-tensjoni msemmija fl-introduzzjoni ta' dawn il-konklużjonijiet: minn naħa, l-Istati Membri li jinsabu f'dawn il-fruntieri għandhom normalment jipprekludu l-qsim tagħhom minn ċittadini ta' pajjiżi terzi li ma jissodisfawx il-kundizzjonijiet ta' dħul previsti mill-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen [82]; u min-naħa l-oħra, meta dawn iċ-ċittadini jippreżentaw applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali, huma jkollhom id-dritt li jibqgħu fit-territorju ta' dawn l-Istati matul l-eżami tal-applikazzjoni tagħhom – u għalhekk għandhom ikunu aċċettati fih indipendentement minn dawn il-kundizzjonijiet, jekk ma jkunux diġà daħlu fih, jekk ikun il-każ illegalment [83].

124. F'sitwazzjoni ta' fluss massiv, din tiġġenera, skont il-Gvern Litwan, kwantità ta' abbuż, peress li parti żgħira biss mill-migranti jkunu refuġjati ta' *bone fide*, filwaqt li ħafna oħrajn jippreżentaw applikazzjonijiet għall-ażil li jafu li huma manifestament infondati sempliċement sabiex jibbenefikaw temporanjament mill-garanziji marbutin mal-istatus ta' "applikant", jew anki sabiex jiġu sempliċement aċċettati fiż-Żona Schengen jew, fejn ikunu diġà jinsabu f'sitwazzjoni irregolari, sabiex jittardjaw it-tneħħija tagħhom.

125. F'dan ir-rigward, nosserva li d-Direttiva dwar il-"proċeduri" tinkludi dispożizzjoni intiża sabiex tippermetti lill-Istati Membri jiżguraw il-kontroll tal-fruntieri esterni tal-Unjoni, filwaqt li jirrispettaw id-dritt taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li jitolbu l-ażil, jiġifieri l-Artikolu 43 ta' din id-direttiva.

126. Fil-paragrafu 1 tiegħu, dan l-artikolu jippermetti lill-Istati Membri jipprovdu, fil-fruntieri tagħhom jew fiż-żoni ta' tranżitu tagħhom, proċeduri speċifiċi sabiex jittieħdu deċiżjonijiet dwar l-ammissibbiltà, skont l-Artikolu 33 tad-Direttiva dwar il-"proċeduri", ta' applikazzjonijiet għall-ażil magħmula f'dawn il-postijiet, u anki dwar il-mertu ta' dawn l-applikazzjonijiet, fil-każijiet previsti fl-Artikolu 31(8) ta' din id-direttiva – li jirrigwardaw, essenzjalment, każijiet differenti li fihom l-aġir jew id-dikjarazzjonijiet tal-applikant jindikaw li l-applikazzjoni tiegħu hija manifestament infondata jew abbużiva. Skont il-paragrafu 2 tal-imsemmi Artikolu 43, dawn il-proċeduri speċifiċi għandhom, madankollu, ikunu konklużi fi żmien raġonevoli, b'mod li, anki

[80] Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-2 ta' April 2020, Il-Kummissjoni vs Il-Polonja, L-Ungerija u r-Repubblika Ċeka (Mekkaniżmi temporanji ta' rilokazzjoni ta' applikanti għal protezzjoni internazzjonali) (C-715/17, C-718/17 u C-719/17, EU:C:2020:257, punt 171).

[81] Ara l-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Pikamäe fil-kawża Il-Kummissjoni vs L-Ungerija (Akkoljenza ta' applikanti għal protezzjoni internazzjonali) (C-808/18, EU:C:2020:493, punt 103).

[82] Ara l-punt 100 ta' dawn il-konklużjonijiet.

[83] Ara l-punt 69 ta' dawn il-konklużjonijiet u l-Artikolu 9(1) tad-Direttiva dwar il-"proċeduri".

jekk ma tittieħed ebda deċiżjoni fi żmien erba' ġimgħat, l-Istat Membru għandu jagħti lill-applikanti kkonċernati d-dritt li jidħlu fit-territorju tiegħu, u l-applikazzjoni tagħhom għandha mbagħad tiġi trattata b'konformità mal-proċedura tad-dritt komuni.

127. Dawn il-proċeduri jippermettu lill-Istati Membri, *qabel kollox*, jagħmlu "l-għażla inizjali" tal-applikazzjonijiet għal protezzjoni internazzjonali, fil-fruntiera jew fiż-żona ta' tranżitu, qabel jawtorizzaw id-dħul taċ-ċittadini kkonċernati fit-territorju tagħhom. Għalhekk, l-Istati msemmija jistgħu jirrifjutaw id-dħul lil persuni, imsemmija mill-Gvern Litwan, li jippreżentaw applikazzjonijiet manifestament infondati u abbużivi.

128. *Sussegwentement*, l-Istati Membri huma awtorizzati, skont l-Artikolu 8(3)(c) tad-Direttiva dwar l-"akkoljenza", iqiegħdu l-applikanti kkonċernati f'detenzjoni fil-fruntiera jew f'żona ta' tranżitu għat-tul ta' dawn il-proċeduri speċifiċi meta, skont il-paragrafu 2 ta' dan l-artikolu, tali miżura hija neċessarja. Issa, fil-fehma tiegħi, dan huwa l-każ meta l-awtoritajiet nazzjonali jkollhom motivi raġonevoli għalfejn jaħsbu li applikant, jekk jitħalla liberu, jaħrab jew jipprova jaqsam il-fruntiera inkwistjoni mingħajr awtorizzazzjoni.

129. *Fl-aħħar nett*, fir-rigward taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu diġà daħlu illegalment fit-territorju nazzjonali u li jippreżentaw applikazzjoni għall-ażil fit-territorju tal-Istat Membru kkonċernat, infakkar li l-Artikolu 31(8)(h) tad-Direttiva dwar il-"proċeduri" jawtorizza lill-Istati Membri, fil-każijiet imsemmija f'din id-dispożizzjoni[84], sabiex jiġġieldu kontra eventwali abbużi, jeżaminaw tali applikazzjoni b'mod mgħaġġel u skont proċedura speċifika fil-fruntiera, kif previst fl-Artikolu 43 ta' din id-direttiva. B'hekk, f'dan il-każ, l-awtoritajiet nazzjonali jistgħu, mid-dehra, iġibu lill-persuna inkwistjoni lura lejn il-fruntiera għall-finijiet ta' din il-proċedura. Jekk ikun il-każ, il-fatt li l-persuna kkonċernata tkun daħlet illegalment fit-territorju, għall-ewwel darba, jista', fil-fehma tiegħi, ikun ta' natura li juri li huwa neċessarju li din titqiegħed f'detenzjoni matul il-perijodu msemmi, abbażi tal-Artikolu 8(3)(c) tad-Direttiva dwar l-"akkoljenza".

130. Għalhekk, fil-fehma tiegħi, wieħed ma jistax iqis li l-kontenut tad-Direttivi dwar il-"proċeduri" u dwar l-"akkoljenza" fih innifsu, ma jippermettix lill-Istati Membri jeżerċitaw, fil-fruntieri esterni tal-Unjoni, ir-responsabbiltajiet tagħhom fil-qasam tal-ordni pubbliku u tas-sigurtà interna.

131. Fir-rigward tal-*kundizzjonijiet konkreti ta' implimentazzjoni* ta' dawn l-istrumenti, nista' nammetti li, fil-każ ta' fluss massiv bħal dak inkwistjoni f'din il-kawża, li, mid-dehra, għandu natura u portata partikolari, huwa partikolarment diffiċli għall-awtoritajiet ta' Stat Membru li jipproċedu, fil-kuntest tal-proċeduri speċifiċi fil-fruntiera, għall-"għażla inizjali" ta' applikazzjonijiet għall-ażil ippreżentati simultanjament minn numru kunsiderevoli ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi, fiż-żmien ta' erba' ġimgħat previst fl-Artikolu 43(2) tad-Direttiva dwar il-"proċeduri". Minkejja li, f'tali ċirkustanzi, il-paragrafu 3 ta' dan l-artikolu jippermetti li l-proċeduri fil-fruntiera jiġu segwiti lil hinn minn dan iż-żmien, dan jimplika, madankollu, li ċ-ċittadini kkonċernati għandhom b'hekk jitħallew jidħlu fit-territorju nazzjonali – kemm jekk ikunu *bona fide* jew jekk jabbużaw mis-sistema[85]. Barra minn hekk, anki l-Kummissjoni, fil-proposta tagħha għal deċiżjoni tal-Kunsill, tagħti x'jifhem li d-Direttiva dwar il-"proċeduri" ma hijiex totalment addattata għal tali ċirkustanzi.

84 Jiġifieri, infakkar, meta l-persuna kkonċernata, mingħajr raġuni valida, ma tkunx ippreżentat ruħha quddiem l-awtoritajiet jew ma tkunx ippreżentat applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali fl-iqsar żmien fid-dawl taċ-ċirkustanzi tad-dħul tagħha.

85 L-awtoritajiet nazzjonali jistgħu jillimitaw biss il-libertà ta' moviment ta' dawn l-applikanti għal żona li tinsab fil-qrib tal-fruntieri jew taż-żoni ta' tranżitu ta' dan l-Istat Membru, skont l-Artikolu 7 tad-Direttiva dwar l-"akkoljenza".

132. Għalhekk, nista' nammetti li huwa neċessarju, għal Stat Membru, sakemm tiġi adottata din il-proposta, li jidderoga, skont l-Artikolu 72 TFUE, minn ċerti dispożizzjonijiet tal-Artikolu 43 tad-Direttiva dwar il-"proċeduri". Fil-fehma tiegħi, Stat Membru jista', kif issuġġerit fl-imsemmija proposta, jestendi l-proċeduri fil-fruntiera, billi jipprovdi li l-applikazzjonijiet għall-ażil kollha taċ-ċittadini arrestati jew misjuba qrib il-fruntiera inkwistjoni, wara dħul irregolari, jew wara li jkunu preżentaw ruħhom fil-punti ta' qsim tal-fruntiera, ikunu eżaminati fil-kuntest ta' tali proċeduri[86] u, f'dan il-kuntest, li jidderoga, b'mod raġonevoli, miż-żmien ta' erba' ġimgħat previst fil-paragrafu 2 ta' dan l-artikolu, sabiex iħalli lill-awtoritajiet nazzjonali żmien suffiċjenti sabiex iwettqu din "l-għażla inizjali" tal-applikazzjonijiet għall-ażil[87].

133. Min-naħa l-oħra, inqis li ma huwiex neċessarju, għal Stat Membru, li jidderoga mill-Artikoli 6 u 7 tad-Direttiva dwar il-"proċeduri" u mill-Artikolu 8 tad-Direttiva dwar l-"akkoljenza", billi jimplimenta dispożizzjonijiet nazzjonali bħall-Artikolu $140^{12}$ u l-Artikolu $140^{17}$(2) tal-Liġi dwar il-Barranin, sabiex ikun jista' jeżerċita effettivament ir-responsabbiltajiet tiegħu fil-qasam tal-ordni pubbliku u tas-sigurtà interna f'każ ta' "fluss massiv" ta' migranti fil-fruntiera tiegħu – u dan indipendentement min-natura u mid-daqs ta' dan il-fluss. Kif għadni kif spjegajt, il-proċeduri speċifiċi ta' eżami ta' applikazzjonijiet għall-ażil fil-fruntiera, previsti fl-Artikolu 43 tal-ewwel direttiva, u l-possibbiltà ta' detenzjoni ta' ċerti applikanti f'dan il-kuntest, skont l-Artikolu 8(3)(c) tat-tieni direttiva, jippermettu li tali sitwazzjoni tiġi indirizzata, jekk ikun il-każ, permezz ta' xi aġġustamenti.

### *b) Fuq l-osservanza tad-drittijiet fundamentali*

134. Fil-kuntest tal-eżami tal-kompatibbiltà mad-dritt tal-Unjoni ta' kull miżura derogatorja, straordinarja u temporanja, id-drittijiet fundamentali tal-persuni kkonċernati ma jistgħux jintesew. Fil-fatt, minkejja li f'każ ta' "ċirkustanzi eċċezzjonali" teoretikament jistgħu jsiru iktar limitazzjonijiet għal dawn id-drittijiet għas-salvagwardja tal-ordni pubbliku u tas-sigurtà interna, xorta jibqa' l-fatt, *qabel kollox*, li għandu dejjem jinżamm bilanċ bejn l-imsemmija drittijiet u dawn l-imperattivi, *imbagħad*, li ċerti limitazzjonijiet tant huma severi li qatt ma huma aċċettabbli f'soċjetà demokratika u, *fl-aħħar nett*, li ċerti drittijiet ma jippermettu ebda limitazzjoni, u dan ikunu x'ikunu ċ-ċirkustanzi.

135. F'dan il-kuntest, fil-fehma tiegħi, għandha tittieħed inkunsiderazzjoni mhux biss il-Karta, iżda wkoll il-KEDB, li tistabbilixxi livell minimu ta' protezzjoni li 'l isfel minnu l-Unjoni ma tistax tinżel. L-istess japplika għall-Konvenzjoni ta' Genève. Minkejja li l-Unjoni ma hijiex parti kontraenti għal din il-konvenzjoni, l-Artikolu 78(1) TFUE u l-Artikolu 18 tal-Karta jimponu fuqha li tosserva r-regoli stabbiliti fiha. Konsegwentement, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha tiżgura, fil-kuntest tal-interpretazzjoni tagħha tal-Artikolu 72 TFUE u tad-derogi mid-dritt tal-Unjoni li din id-dispożizzjoni tista' tiġġustifika, li din l-interpretazzjoni tosserva l-livell ta' protezzjoni ggarantit minn din l-istess konvenzjoni[88].

[86] Ara l-Artikolu 2(2) tal-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill.

[87] L-Artikolu 2(5) tal-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill jippermetti għalhekk li ż-żmien sabiex jingħata d-dritt ta' dħul fit-territorju jiġi estiż għal 16-il ġimgħa.

[88] Ara, b'mod partikolari, is-sentenza tal-14 ta' Mejju 2019, M *et* (Revoka tal-istatus ta' refuġjat) (C-391/16, C-77/17 u C-78/17, EU:C:2019:403, punti 74 u 75).

*1) Fuq il-fatt li ċittadin ta' pajjiż terz ma jitħalliex jaċċedi għal proċedura ta' għoti ta' protezzjoni internazzjonali*

136. *Fl-ewwel lok*, dispożizzjoni bħal dik tal-Artikolu 140[12] tal-Liġi dwar il-Barranin, li ma tippermettix, fil-prattika, ħlief fil-każ ta' eċċezzjoni, lil ċittadin ta' pajjiż terz jaċċedi għall-proċedura ta' għoti ta' protezzjoni internazzjonali meta jkun daħal fit-territorju Litwan illegalment, ma hijiex, fil-fehma tiegħi, kompatibbli mad-drittijiet fundamentali mogħtija mill-Karta, u dan anki f'każ ta' "fluss massiv" ta' migranti.

137. Fil-fatt, *minn naħa*, tali dispożizzjoni hija, fil-fehma tiegħi, kuntrarja għad-dritt għall-ażil, żgurat, bħala tali, mill-Artikolu 18 tal-Karta. F'dan ir-rigward, nenfasizza li l-effettività ta' dan id-dritt tiddependi mill-aċċess għal proċedura fil-qasam[89]. Ċertament jista' jkun hemm limiti għall-imsemmi dritt, taħt il-kundizzjonijiet previsti fl-Artikolu 52(1) tal-Karta[90]. Madankollu, fil-fehma tiegħi, li fil-prattika ċittadin ta' pajjiż terz jiġi prekluż milli jitlob protezzjoni internazzjonali jippreġudika l-"essenza" ta' dan l-istess dritt[91].

138. *Min-naħa l-oħra*, ir-rifjut li tiġi eżaminata applikazzjoni għall-ażil ippreżentata minn ċittadin ta' pajjiż terz f'sitwazzjoni irregolari fit-territorju nazzjonali huwa wkoll kuntrarju għall-prinċipju ta' non-refoulment, kif previst fl-Artikolu 19(2) tal-Karta.

139. Fil-fatt, dan id-dritt fundamentali, li huwa direttament marbut mal-projbizzjoni tat-tortura u ta' pieni jew trattamenti inumani jew degradanti, li jinsab fl-Artikolu 4 tal-Karta u fl-Artikolu 3 tal-KEDB, ma jaċċetta ebda limitazzjoni. Huwa jipprojbixxi f'kull ċirkustanza lill-Istati Membri milli jneħħu, jkeċċu jew jestradixxu persuna lejn Stat fejn jeżisti riskju serju li tkun suġġetta għal tali trattamenti[92].

140. Issa, Stat Membru ma jistax jeskludi dan ir-riskju u, għalhekk, jissodisfa l-obbligi tiegħu fil-qasam ta' non-refoulment, fir-rigward ta' ċittadin ta' pajjiż terz f'sitwazzjoni irregolari fit-territorju tiegħu jekk, qabel ma jestradixxih, huwa ma jeżaminax applikazzjoni li fiha l-persuna kkonċernata ssostni, preċiżament, li tibża' li tkun ippersegwitata fil-pajjiż ta' oriġini tagħha[93].

141. L-interpretazzjoni preċedenti ma hijiex ikkontestata mill-argument tal-Gvern Litwan li tgħid li, essenzjalment, ċittadin ta' pajjiż terz li jidħol b'mod illegali fit-territorju ta' Stat fil-kuntest ta' "fluss massiv" jadotta aġir abbużiv li jiġġustifika li jiġi mċaħħad mid-dritt tiegħu li jitlob l-ażil, u li jgħid li l-prinċipju ta' non-refoulment ma jistax jitqies assolut f'tali sitwazzjoni.

89 Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-17 ta' Diċembru 2020, Il-Kummissjoni vs L-Ungerija (Akkoljenza ta' applikanti għal protezzjoni internazzjonali) (C-808/18, EU:C:2020:1029, punt 102).

90 Skont din id-dispożizzjoni, kull limitazzjoni għall-eżerċizzju ta' dritt mogħti mill-Karta hija aċċettabbli biss jekk din tkun, l-ewwel, "prevista mil-liġi", it-tieni, tosserva l-"essenza" ta' dan id-dritt u, t-tielet, tosserva l-prinċipju ta' proporzjonalità.

91 Fil-fehma tiegħi, tali ċaħda għandha tiġi mqabbla mal-possibbiltà li l-eżami tal-applikazzjoni jiġi sottomess għal proċedura mgħaġġla jew għal proċedura speċifika fil-fruntiera.

92 Ara, b'mod partikolari, is-sentenza tal-14 ta' Mejju 2019, M *et* (Revoka tal-istatus ta' refuġjat) (C-391/16, C-77/17 u C-78/17, EU:C:2019:403, punti 94 sa 96). Ara, wkoll, l-Artikolu 15 tal-KEDB, li jippermetti, fil-paragrafu 1 tiegħu, lill-Istati Membri jidderogaw mill-obbligi previsti f'din il-konvenzjoni f'każ ta' gwerra jew f'każ ta' periklu pubbliku ieħor li jhedded il-ħajja tan-nazzjon, iżda li jippreċiża, fil-paragrafu 2 tiegħu, li ma jawtorizza ebda deroga mill-Artikolu 3 tal-imsemmija konvenzjoni.

93 United Nations High Commissioner for Refugees (UNHCR), *Observations on draft Amendments to the Law of the Republic of Lithuania on Legal Status of Aliens (No 21-29207)*, 27 ta' Settembru 2021, punt 17.

142. *Fil-fatt, minn naħa*, infakkar li r-redatturi tal-Konvenzjoni ta' Genève rrikonoxxew li, billi jeżerċitaw id-dritt għall-ażil tagħhom, ir-refuġjati – inkluż l-applikanti għall-ażil, kemm-il darba ma tkunx ittieħdet deċiżjoni negattiva fuq it-talba tagħhom [94] – ħafna drabi jkunu mġiegħla jidħlu b'mod illegali fit-territorju tal-Istati li fihom huma jfittxu protezzjoni. 'Il bogħod milli jawtorizzaw lill-Istati jċaħħdu lil dawn ir-refuġjati milli jitolbu d-dritt għall-ażil tagħhom għal din ir-raġuni, għall-kuntrarju, dawn l-istess redatturi llimitaw, fl-Artikolu 31 ta' din il-konvenzjoni, is-setgħa tal-Istati li jimponu fuqhom sanzjonijiet kriminali f'każ ta' dħul jew ta' residenza illegali fit-territorju tagħhom [95] – aspett li ser nerġa' nittratta. *Min-naħa l-oħra*, l-obbligi li timplika, għall-Istati, l-osservanza tal-prinċipju ta' non-refoulment, kif iggarantit fl-Artikolu 19(2) tal-Karta, huma vinkolanti jkun xi jkun l-aġir tal-persuna kkonċernata [96].

143. Fil-fehma tiegħi, is-sentenza N.D. u N.T. vs Spanja [97], invokata mill-Gvern Litwan, ma turix il-kuntrarju. Minn naħa, din is-sentenza ma tirrigwardax il-prinċipju ta' non-refoulment, kif protett fl-Artikolu 3 tal-KEDB, u min-naħa l-oħra, hija tirrigwarda ċirkustanzi partikolari ħafna – ir-rikorrenti kienu pparteċipaw f'attakk kollettiv sabiex jipprovaw jidħlu fit-territorju Spanjol billi sforzaw, bi vjolenza, il-barriera tal-fruntiera – sostanzjalment differenti minn dawk f'din il-kawża. Fi kwalunkwe każ, anki jekk jitqies li din is-sentenza għandha tinftiehem fis-sens li, skont il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, il-fatt li applikant għall-ażil daħal b'mod irregolari fit-territorju ta' Stat, fil-kuntest ta' fluss massiv ta' migranti, jawtorizza lil dan l-Istat ma jiħux inkunsiderazzjoni l-applikazzjoni għall-ażil tiegħu, li għandi dubji serji dwaru, isegwi sempliċement li d-dritt tal-Unjoni jiżgura għalhekk, fl-Artikoli 18 u 19(2) tal-Karta, protezzjoni iktar estiża mill-KEDB, kif jippermetti espressament l-Artikolu 52(3) tal-ewwel strument.

*2) Fuq il-possibbiltà ta' detenzjoni ta' applikant għall-unika raġuni li huwa qasam illegalment il-fruntiera nazzjonali*

144. *Fit-tieni lok*, dispożizzjoni bħall-Artikolu 140[17](2) tal-Liġi dwar il-Barranin, li tippermetti li applikant għall-ażil jitqiegħed f'detenzjoni għall-unika raġuni li jkun qasam illegalment il-fruntiera nazzjonali, lanqas ma hija konformi, fil-fehma tiegħi, mad-drittijiet fundamentali mogħtija mill-Karta u mill-istrumenti rilevanti l-oħra, u dan anki f'każ ta' "fluss massiv" ta' migranti.

145. *Minn naħa*, din id-dispożizzjoni, billi tipprovdi tali miżura ta' detenzjoni, twassal għal indħil partikolarment serju fid-dritt għal-libertà stabbilit fl-Artikolu 6 tal-Karta. F'dan ir-rigward, infakkar li, skont ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, fid-dawl tal-importanza ta' dan id-dritt fundamentali, fil-preżenza ta' ndħil ta' tali gravità, il-limitazzjonijiet tal-eżerċizzju tiegħu għandhom japplikaw biss fil-limiti ta' dak li huwa strettament neċessarju [98].

94 Ara Goodwin-Gill, G. S., "L-Artikolu 31 tal-Konvenzjoni tal-1951 dwar l-istatus tar-refuġjati: l-assenza ta' sanzjonijiet kriminali, id-detenzjoni u l-protezzjoni", Feller, E., Türk, V., u Nicholson, F., (dir.) Il-Protezzjoni tar-refuġjati fid-dritt internazzjonali, Larcier, Brussell, 2008, p. 232 sa 234..

95 UNHCR, *Observations on draft Amendments to the Law of the Republic of Lithuania on Legal Status of Aliens op. cit.*, punti 11 u 14 kif ukoll ir-referenzi ċċitati. Barra minn hekk, il-leġiżlatur tal-Unjoni diġà pprovda miżuri inqas radikali għall-ġlieda kontra l-eventwali abbużi fil-qasam (ara l-punti 63 u 129 ta' dawn il-konklużjonijiet).

96 Ara s-sentenza tal-14 ta' Mejju 2019, M *et* (Revoka tal-istatus ta' refuġjat) (C-391/16, C-77/17 u C-78/17, EU:C:2019:403, punt 94).

97 Qorti EDB, 13 ta' Frar 2020, CE:ECHR:2020:0213JUD000867515. F'din is-sentenza, il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem iddeċidiet li Spanja setgħet, b'deroga mill-prinċipju tal-projbizzjoni ta' tkeċċijiet kollettivi previst fl-Artikolu 4 tal-Protokoll Nru 4 tal-KEDB, twarrab, mingħajr eżami taċ-ċirkustanzi individwali tagħhom, migranti li kienu pprovaw jaqsmu illegalment il-fruntiera tagħha, abbażi, minn naħa, tal-aġir tal-persuni kkonċernati u, min-naħa l-oħra, tal-fatt li dan l-Istat kien joffri possibbiltajiet effettivi ta' dħul regolari (ara l-punt 201, 218, 222 u 231).

98 Ara s-sentenza tal-15 ta' Frar 2016, N. (C-601/15 PPU, EU:C:2016:84, punt 56).

146. Mistoqsi mill-Qorti tal-Ġustizzja, waqt is-seduta, dwar il-mod li bih l-Artikolu $140^{17}(2)$ tal-Liġi dwar il-Barranin jikkontribwixxi u huwa neċessarju għaż-żamma tal-ordni pubbliku u tas-sigurtà pubblika fit-territorju Litwan u, b'mod partikolari, dwar l-għan preċiż imfittex minn miżura ta' detenzjoni imposta skont din id-dispożizzjoni, il-Gvern Litwan spjega b'mod partikolari li, meta migranti jirnexxilhom jidħlu illegalment fit-territorju nazzjonali, l-eventwali detenzjoni tagħhom tkun intiża sabiex jiġu evitati movimenti illegali sekondarji fiż-żona Schengen – peress li l-maġġoranza kbira ta' dawn il-persuni aktarx ma jibqgħux fil-Litwanja u jkomplu l-vjaġġ tagħhom lejn Stati Membri oħra.

147. Issa, fil-fehma tiegħi, minn din il-perspettiva, tali miżura ta' detenzjoni tmur lil hinn minn dak li huwa neċessarju għall-protezzjoni tal-ordni pubbliku u tas-sigurtà interna.

148. Ċertament, il-fatt li applikant ikun daħal illegalment fit-territorju nazzjonali jista' jikkostitwixxi, f'ċerti każijiet, indikazzjoni ta' riskju li dan tal-aħħar jaħrab – eventwalment lejn Stati Membri oħra – minn dan it-territorju. Jekk jitqies li jkun ikkorroborat minn elementi oħra, dan ir-riskju jista' jirrendi neċessarja b'mod validu d-detenzjoni tal-persuna kkonċernata matul perijodu determinat – kif mill-bqija jippermetti l-Artikolu 8(3)(b) tad-Direttiva dwar l-"akkoljenza" [99]. Min-naħa l-oħra, fl-assenza ta' tali elementi, miżura ta' detenzjoni mmotivata mid-dħul irregolari biss titqies li hija arbitrarja [100].

149. Fil-fehma tiegħi, miżura bħal dik prevista fl-Artikolu $140^{17}(2)$ tal-Liġi dwar il-Barranin hija, *min-naħa l-oħra*, kuntrarja għall-Artikolu 31(1) tal-Konvenzjoni ta' Genève. Infakkar li skont din id-dispożizzjoni, l-Istati parti għal din il-konvenzjoni ma għandhomx japplikaw "sanzjonijiet kriminali" għar-"refuġjati", minħabba d-dħul jew ir-residenza irregolari tagħhom – inkluż, infakkar, l-applikazzjonijiet għall-ażil – taħt ċerti kundizzjonijiet.

150. L-imsemmija dispożizzjoni hija intiża sabiex tevita li dawn il-persuni jiġu ppenalizzati għad-dħul jew għall-preżenza irregolari tagħhom fit-territorju ta' Stat [101]. Fid-dawl ta' dan l-għan, huwa ġeneralment aċċettat li l-kunċett ta' "sanzjonijiet kriminali", fis-sens tal-imsemmija dispożizzjoni, għandu jinftiehem, b'mod awtonomu u wiesa', bħala li jinkludi kull miżura li għandha natura mhux biss preventiva, iżda wkoll punittiva jew dissważiva, tkun xi tkun il-klassifikazzjoni tagħha fid-dritt nazzjonali [102].

151. Issa, minkejja li kif indika l-Gvern Litwan waqt is-seduta, miżura ta' detenzjoni skont l-Artikolu $140^{17}(2)$ tal-Liġi dwar il-Barranin ma tikkostitwixxix sanzjoni kriminali fid-dritt Litwan, dan il-gvern madankollu rrikonoxxa, f'din l-okkażjoni, li tali detenzjoni għandha wkoll l-għan, sa ċertu punt, li tikkastiga lill-applikanti li qasmu b'mod irregolari l-fruntiera nazzjonali u li tiddisswadi lill-migranti oħra li jkollhom tentazzjoni jaġixxu bl-istess mod.

99 Ara wkoll, f'dan il-każ, il-punt 23 u n-nota 16 ta' dawn il-konklużjonijiet.

100 Ara, b'analoġija, Il-Kumitat tad-Drittijiet tal-Bniedem, A c. Awstralja, 1997, paragrafu 9.4. Ara wkoll UNHCR, *Principes directeurs relatifs aux critères et aux normes applicables à la détention des demandeurs d'asile et alternatives à la rétention*, 2012, punti 31 u 32.

101 Għalhekk, minkejja li l-Artikolu 5(3) tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen jipprovdi li l-Istati Membri jistabbilixxu sanzjonijiet f'każ ta' qsim mhux awtorizzat tal-fruntieri esterni, dan l-obbligu huwa impost fuq dawn l-Istati "[m]ingħajr preġudizzju [...] għall-obbligi tagħhom ta' protezzjoni internazzjonali", b'tali sanzjonijiet ma jistgħux, bħala prinċipju, jiġu imposti fuq ir-refuġjati.

102 Ara Goodwin-Gill, G. S., *op. cit.*, p. 232 sa 234.

152. Għalhekk, din il-miżura ta' detenzjoni tikkostitwixxi, fil-fehma tiegħi, "sanzjoni kriminali", fis-sens tal-Artikolu 31(1) tal-Konvenzjoni ta' Genève. Sa fejn l-Artikolu $140^{17}$(2) tal-Liġi dwar il-Barranin tapplika biss għall-applikanti għall-ażil, fil-fehma tiegħi, hija tista' tkun kompatibbli ma' din id-dispożizzjoni fundamentali biss jekk tapplika biss għal dawk li jissodisfaw il-kundizzjonijiet previsti f'din id-dispożizzjoni [103] - li ma jidhirx li huwa l-każ.

### *4. Konklużjoni intermedjarja*

153. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, nissuġġerixxi lill-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi għat-tieni parti taż-żewġ domandi fis-sens li l-Artikolu 72 TFUE ma jawtorizzax lil Stat Membru japplika dispożizzjonijiet bħall-Artikolu $140^{12}$ u l-Artikolu $140^{17}$(2) tal-Liġi dwar il-Barranin, b'deroga għad-Direttivi dwar il-"proċeduri" u dwar l-"akkoljenza", f'każ ta' "ċirkustanzi eċċezzjonali" kkaratterizzati minn "fluss massiv" ta' migranti fil-fruntiera tiegħu.

## VI. Konklużjoni

154. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti kollha, nissuġġerixxi lill-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi kif ġej għad-domandi preliminari magħmula mil-Lietuvos vyriausiasis administracinis teismas (il-Qorti Amministrattiva Suprema, il-Litwanja):

1) Dispożizzjoni nazzjonali li ma tippermettix, ħlief b'eċċezzjoni, liċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi jaċċedu għall-proċedura tal-għoti ta' protezzjoni internazzjonali fit-territorju tal-Istat Membru inkwistjoni meta dawn ikunu daħlu fih illegalment, ma hijiex kompatibbli mal-Artikolu 6(1) u (2) u mal-Artikolu 7(1) tad-Direttiva 2013/32/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar proċeduri komuni għall-għoti u l-irtirar tal-protezzjoni internazzjonali.

2) Dispożizzjoni nazzjonali li tippermetti d-detenzjoni ta' applikant għal protezzjoni internazzjonali għall-unika raġuni li qasam illegalment il-fruntiera tal-Istat Membru kkonċernat ma hijiex kompatibbli mal-Artikolu 8(3) tad-Direttiva 2013/33/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 li tistabbilixxi l-istandards dwar l-akkoljenza ta' applikanti għall-protezzjoni internazzjonali.

3) L-Artikolu 72 TFUE ma jawtorizzax lil Stat Membru japplika tali dispożizzjonijiet nazzjonali, b'deroga mid-Direttivi 2013/32 u 2013/33, f'każ ta' "ċirkustanzi eċċezzjonali" kkaratterizzati minn "fluss massiv" ta' migranti fil-fruntiera tiegħu.

[103] Dwar dan il-punt, nippreċiża biss, fir-rigward tal-kundizzjoni li r-refuġjati għandhom "jaslu direttament mit-territorju li fih il-ħajja jew il-libertà tagħhom kienet mhedda", li huwa ġeneralment aċċettat li din l-espressjoni ma għandhiex tinftiehem litteralment, u li hija tkopri wkoll is-sitwazzjonijiet li fihom il-persuni kkonċernati jgħaddu, matul il-ħarba tagħhom, minn pajjiżi oħra fejn ebda protezzjoni effettiva ma ngħatat lilhom (ara Goodwin-Gill, G. S., *op. cit.*, p. 232). Għalhekk, il-fatt waħdu li applikant għall-ażil irrisjeda ftit fil-Bjelorussja mill-pajjiż ta' oriġini tiegħu qabel ma daħal fil-Litwanja ma jtellfux il-benefiċċju tal-protezzjoni prevista fl-Artikolu 31(1) tal-Konvenzjoni ta' Geneva.